

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 812/2010

tal-15 ta' Settembru 2010

## li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjoni ta' ċerti prodotti tal-fibra tal-ħġieġ tal-filament kontinwu li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea <sup>(1)</sup> ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

## A. IL-PROCĊEDURA

## 1. Ftuħ

- (1) Fis-17 ta' Diċembru 2009, il-Kummissjoni ħabbret, b'avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* <sup>(2)</sup>, il-ftuħ ta' proċedura anti-dumping fir-rigward tal-importazzjoni ta' ċerti prodotti tal-fibra tal-ħġieġ tal-filament kontinwu li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("ir-RPĊ" jew "il-pajjiż ikkonċernat").
- (2) Il-proċedura nfetħet bħala riżultat ta' lment imressaq fit-3 ta' Novembru 2009 mill-APFE, li hija l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Produtturi tal-Fibra tal-ħġieġ ("l-ilmentatur"), f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw proporzjon kbir – f'dan il-każ ta' aktar minn 50 % – tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' ċerti prodotti tal-fibra tal-ħġieġ tal-filament kontinwu. L-ilment kien fih evidenza ta' dumping tal-prodott imsemmi kif ukoll ta' dannu materjali li jirriżulta minnu, u din l-evidenza tqieset suffiċjenti biex tiġġustifika l-ftuħ ta' proċediment.
- (3) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment bil-ftuħ tal-proċediment lill-ilmentatur, lil produtturi magħrufa oħra tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi u lir-rappreżentanti tar-RPĊ, lill-importaturi, il-fornituri u l-utenti magħrufa bħala kkonċernati kif ukoll lill-assoċjazzjonijiet tagħhom. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu l-opinjoni tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta ta' smiġh fil-limitu ta' żmien stabbilit fl-avviż tal-ftuħ ta' proċedura anti-dumping.
- (4) Il-partijiet interessati kollha li talbu dan u wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għaliex kellhom jinstemgħu ngħataw seduta ta' smiġh.
- (5) Fid-dawl tan-numru apparentement kbir ta' produtturi esportaturi, ta' importaturi, u ta' produtturi tal-Unjoni, fl-avviż tal-ftuħ ta' proċedura anti-dumping ġie kkunsidrat it-teħid ta' kampjuni għad-determinazzjoni tad-dumping u tad-dannu, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk it-teħid ta' kampjuni kienx meħtieġ u, jekk iva, tagħżel kampjun, il-produtturi esportaturi, l-importaturi, u l-produtturi tal-Unjoni kollha ntalbu biex jagħmlu lillhom infushom magħrufa lill-Kummissjoni u biex jipprovdu informazzjoni bażika dwar l-attivitajiet tagħhom relatati mal-prodott ikkonċernat, kif speċifikat fl-avviż tal-ftuħ ta' proċedura anti-dumping, matul il-perjodu tal-investigazzjoni (mill-1 ta' Ottubru 2008 sat-30 ta' Settembru 2009).
- (6) Tmien produtturi esportaturi jew gruppi ta' produtturi esportaturi Ċiniżi u seba' produtturi jew gruppi ta' produtturi tal-Unjoni pprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. Wara eżami tal-informazzjoni mressqa u minħabba n-numru kbir ta' produtturi esportaturi u ta' produtturi tal-Unjoni li indikaw li huma lesti jikkoperaw, ġie deċiż li t-teħid ta' kampjuni kien meħtieġ fir-rigward ta' dawn il-produtturi (ara l-premessi (12) u (13) hawn taħt).
- (7) Fir-rigward ta' importaturi mhux relatati, fl-istadju tat-teħid ta' kampjuni fi ħdan l-investigazzjoni, tliet importaturi biss ipprovdew l-informazzjoni mitluba fi ħdan l-iskadenzi stabbiliti fin-notifika tal-inizjazzjoni. Għaldaqstant, ġie deċiż biex ma jittehdex kampjuni u li jintbagħtu kwestjonarji lill-importaturi kollha li jkunu ppreżentaw ruħhom.
- (8) Sabiex il-produtturi esportaturi fir-RPĊ li fformaw parti mill-kampjun jingħataw opportunità jitolbu trattament ta' ekonomija tas-suq ("TES") jew trattament individwali ("TI"), jekk xtaqu jagħmlu dan, il-Kummissjoni bagħtet formoli ta' applikazzjoni lill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun. Il-(gruppi ta') kumpaniji kollha li fformaw parti mill-kampjun talbu TES f'konformità mal-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku jew TI fil-każ li mill-investigazzjoni jirriżulta li huma ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet għat-TES.
- (9) Il-Kummissjoni żvelat uffiċjalment ir-riżultati tas-sejbiet relatati mat-TES lill-produtturi esportaturi kkonċernati fir-RPĊ, lill-awtoritajiet tar-RPĊ u lill-ilmentatur. Huma ngħataw ukoll l-opportunità li jressqu l-opinjoni tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta ta' smiġh jekk kien hemm raġunijiet partikolari għal xiex jinstemgħu.

<sup>(1)</sup> ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51<sup>(2)</sup> ĠU C 307, 17.12.2009, p. 39.

- (10) Il-Kummissjoni baġtet kwestjonarji lill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun kif ukoll lill-produtturi tal-Unjoni li kienu jiffurmaw parti minnu, lill-importaturi, u lill-utenti u assoċjazzjonijiet ta' utenti magħrufa kollha. Risposti sħaħ għall-kwestjonarji waslu mingħand il-produtturi esportaturi fir-RPĊ li fformaw parti mill-kampjun, mingħand il-produtturi tal-Unjoni kollha inklużi fih, u mingħand żewġ importaturi u 13-il utent.
- (11) Il-Kummissjoni talbet u vverifikat l-informazzjoni kollha li tqieset meħtieġa biex ikun hemm determinazzjoni preliminari tad-dumping, id-dannu jew it-theddida ta' dannu kkawżati minnu, u l-interess tal-Unjoni. Twettqu żjarat ta' verifika fl-istabbilimenti tal-kumpaniji li ġejjin:

(a) *Produtturi esportaturi fir-RPĊ*

- Chongqing Polycomp International Corporation ("CPIC")
- Jushi Group (Jushi Group Co., Ltd.; Jushi Group Chengdu Co., Ltd.; Jushi Group Jiujiang Co. Ltd.; Jushi P-D Interglas Co. Ltd.; China National Building Materials & Equipment Import and Export Corporation; CNBM International Corporation; Tongxiang Leishi Mineral Powder Co., Ltd.; Tongxiang Juzhen Mining Co., Ltd.; Tongxiang Jinshi Precious Metal Equipment Co., Ltd.; Zhejiang Songyang Mingshi Mining Co., Ltd. u Zhenshi Group Zhejiang Yushi Int Logistics), u
- New Changhai Group (Changzhou New Changhai Fiberglass Co., Ltd. u Jiangsu Changhai Composite Materials Holding Co., Ltd.)

(b) *Produtturi tal-Unjoni*

- Johns Manville Slovakia, Trnava, is-Slovakkja
- European Owens Corning Fiberglas, Brussell, il-Belġju
- Owens Corning France, Chambéry, Franza
- PPG Industries BV, Hoogezand, Il-Pajjiżi l-Baxxi

(c) *Utenti tal-Unjoni*

- Sabic Europe BV, Sittard, il-Pajjiżi l-Baxxi, u Genk, il-Belġju
- Sabic Innovative Plastics BV, Bergen op Zoom, il-Pajjiżi l-Baxxi

(d) *Produttur fil-pajjiż analogu*

- Cam Elyaf Sanayii A.Ş, it-Turkija.

### 3. It-teħid ta' kampjuni

- (12) Mit-tmien produtturi esportaturi jew gruppi ta' produtturi esportaturi Ċiniżi li ppreżentaw ruħhom, il-Kummissjoni għażlet kampjun, f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku, abbażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' oġġetti esportati li seta' raġonevolment jiġi investigat fiż-żmien disponibbli. Il-kampjun magħżul jikkonsisti fi tliet (gruppi ta') kumpaniji (relatati) li jirrappreżentaw aktar minn 70 % tal-volum tal-esportazzjoni magħmula mill-partijiet koperanti mir-RPĊ lejn l-UE. F'konformità mal-

Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-partijiet ikkonċernati ġew ikkonsultati u ma qajmu l-ebda oġġezzjoni.

- (13) Fir-rigward tal-produtturi tal-Unjoni, seba' produtturi pprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. Abbażi tal-informazzjoni li waslet mingħand dawn il-produtturi koperanti tal-Unjoni, il-Kummissjoni għażlet kampjun mill-akbar tliet (gruppi ta') produtturi tal-Unjoni fir-rigward tal-bejgħ u tal-produzzjoni, produtturi li jirrappreżentaw 64 % tal-bejgħ magħmul mill-produtturi koperanti kollha tal-Unjoni.

### 4. Il-perjodu tal-investigazzjoni

- (14) L-investigazzjoni tad-dumping u d-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2008 sat-30 ta' Settembru 2009 ("perjodu tal-investigazzjoni" jew "PI"). L-eżami tat-tendenzi rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu mill-2006 sa tmiem il-perjodu tal-investigazzjoni ("il-perjodu kkunsidrat").

### B. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI

#### 1. Il-prodott ikkonċernat

- (15) Il-prodott ikkonċernat kif deskritt fin-Notifika ta' inizjazzjoni huwa swiegel tal-fibra tal-ħġieġ imqattgħa, ta' tul ta' mhux aktar minn 50 mm; fibri mibruma tal-ħġieġ; filaturi u ħjut ta' filamenti tal-ħġieġ; u twapet magħmula minn filamenti ta' fibra tal-ħġieġ minbarra twapet tas-suf tal-ħġieġ li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7019 11 00, 7019 12 00, 7019 19 10 u ex 7019 31 00 ("il-prodott ikkonċernat").
- (16) Il-prodott ikkonċernat huwa l-materjal mhux maħdum li l-aktar jintuża għat-tisħiħ ta' reżini termoplastiċi u termorigidi (*thermoplastic and thermoset*) fl-industrija tal-materjali komposti. Il-materjali komposti li jirriżultaw minn dan il-proċess (plastik irrinfurzat bil-fibri tal-ħġieġ) jintużaw f'għadd kbir ta' industriji: l-industrija tal-karozzi, l-industrija elettrika u elettronika, tal-paletti tal-imtieħen tar-riħ, tal-bini u l-kostruzzjoni, tat-tankijiet u l-pajpjiet, tal-prodotti għall-konsumaturi, tal-industrija aerospazjali u militari, eċċ.
- (17) Hemm erba' tipi bażiċi ta' prodotti tal-fibra tal-ħġieġ tal-filament kontinwu li huma koperti minn dan il-proċediment, jiġifieri s-swiegel imqattgħa, il-fibri mibruma, it-twapet (għajr dawk tas-suf tal-ħġieġ), u l-ħjut. L-investigazzjoni wriet li, minkejja xi differenzi li hemm fid-dehra u li jista' jkun hemm fl-applikazzjonijiet finali tad-diversi tipi, kważi t-tipi kollha differenti tal-prodott ikkonċernat għandhom inkomuni l-istess karatteristiċi bażiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi, u essenzjalment jintużaw għall-istess għanijiet. Madankollu instab li l-filaturi m'għandhomx l-istess karatteristiċi kimiċi, fiżiċi u tekniċi bażiċi minħabba li mhumiex fibra tal-ħġieġ tal-filament kontinwu, iżda ħjut mhux kontinwi ta' tulijiet differenti. L-investigazzjoni wriet ukoll li xi tipi speċifiċi ħafna ta' fietel u ċerti tipi speċifiċi ħafna ta' ħjut mibruma li attwalment huma koperti bil-kodiċi NM 7019 12 00 u 7019 19 10 rispettivament għandhom jiġu esklużi minħabb li dawn it-tipi huma ttrattati b'mod speċjali billi jiġu miksija u mdakkra u għandhom telf tat-tkebbis (loss on ignition) ta' iktar minn 3%, u b'hekk jingħataw karatteristiċi fiżiċi u kimiċi.

- (18) Għadd ta' utenti tal-ħjut eqreb lejn il-prodott finali talbu l-esklużjoni kompleta ta' dawn tal-aħħar mill-ambitu tal-prodott għall-finijiet tal-proċediment peress li fl-Unjoni kważi ma teżistix bażi ta' produzzjoni kif ukoll minħabba n-nuqqas ta' sostitwibbiltà bejn il-ħjut u t-tipi l-oħra tal-prodott.
- (19) Madankollu, l-investigazzjoni wriet li mill-inqas teżisti sostitwibbiltà unidirezzjonali mill-aspett tad-domanda (jiġifieri l-ħjut jinstgħu jintużaw flok tipi oħra f'għadd ta' applikazzjonijiet anki jekk, minħabba l-prezz relattivament ogħla tal-ħjut, din ma tkunx dejjem għażla ekonomikament vijabbli), u l-bażi ta' produzzjoni limitata ta' ċertu tip ta' prodott fiha nnifisha ma tistax tikkostitwixxi raġuni għall-esklużjoni ta' tali tip mill-ambitu tal-prodott sakemm ikollu l-istess karatteristiċi bażiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi u l-istess użi bħal tipi oħra. Peress li l-ħjut ta' filamenti tal-ħġieġ għandhom l-istess karatteristiċi essenzjali bħal prodotti oħra tal-fibra tal-ħġieġ tal-filament kontinwu u sa ċertu punt huma interkambjabbli magħhom, wieħed ikkonkluda provviżorjament li ma kienx hemm raġunijiet li jiġġustifikaw l-esklużjoni tal-ħjut mid-definizzjoni tal-prodott. Huwa madankollu nnutat li se tingħata attenzjoni speċjali għall-valutazzjoni ulterjuri ta' din it-talba.

## 2. Prodott simili

- (20) Instab li l-prodott ikkonċernat u l-prodotti tal-fibra tal-ħġieġ tal-filament kontinwu mmanifatturati u mibjugħa fis-suq domestiku tar-RPĊ u fis-suq domestiku tat-Turkija, li b'mod provviżorju serviet bħala pajjiż analogu, kif ukoll il-prodotti tal-fibra tal-ħġieġ tal-filament kontinwu mmanifatturati u mibjugħa fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni għandhom l-istess karatteristiċi bażiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi u l-istess użi. Għaldaqstant, dawn il-prodotti huma provviżorjament meqjusa bħala simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

## C. ID-DUMPING

### 1. Trattament ta' ekonomija tas-suq ("TES")

- (21) Skont l-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament bażiku, fl-investigazzjonijiet anti-dumping dwar l-importazzjoni mir-RPĊ, il-valur normali għandu jiġi ddeterminat skont il-paragrafi minn 1 sa 6 tal-Artikolu msemmi fil-każijiet ta' dawk il-produtturi li nstabu li kienu jissodisfaw il-kriterji stipulati fl-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku.
- (22) Fil-qosor, u għall-faċilità ta' referenza biss, dawn il-kriterji huma elenkati hawn f'forma mqassra:
1. it-teħid ta' deċiżjonijiet kummerċjali u l-infiq għal skopijiet ta' negozju jsiru b'reazzjoni għall-kundizzjonijiet tas-suq mingħajr indħil sinifikanti mill-Istat;
  2. il-kotba tal-kontijiet jiġu awditjati b'mod indipendenti skont l-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà u jiġu applikati għall-iskopijiet kollha;
  3. m'hemmx tagħwiġ sinifikanti ttrasferit mis-sistema preċedenti ta' ekonomija mhux tas-suq;
  4. il-liġijiet tal-falliment u tal-proprjetà jiġġarantixxu ċertezza u stabbiltà legali;

5. il-konverżjonijiet tal-valuta jsiru bir-rata tas-suq.

- (23) Fl-investigazzjoni attwali, it-tliet produtturi esportaturi jew gruppi ta' produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun kollha kemm huma talbu TES skont l-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament bażiku u wiegħu l-formola ta' talba tat- TES fil-limitu ta' żmien stabbilit:
- iċ-Chongqing Polycomp International Corporation ("CPIC"),
  - il-Jushi Group, u
  - in-New Changhai Group.
- (24) Fir-rigward tal-produtturi esportaturi jew gruppi ta' esportaturi kollha inklużi fil-kampjun li ssemmev hawn fuq, il-Kummissjoni talbet l-informazzjoni kollha li tqieset meħtieġa u vverifikat l-informazzjoni mressqa fil-formoli ta' talba tat- TES u kull informazzjoni oħra meqjusa meħtieġa fl-istabbiliment tal-kumpaniji inkwistjoni.
- (25) Mill-investigazzjoni rriżulta li żewġ produtturi esportaturi wieħed/gruppi fir-RPĊ inklużi fil-kampjun ma kinux jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-kriterji stipulati fl-Artikolu 2(7)(c) għall-għoti ta' TES.
- (26) B'mod partikolari, produttur esportatur/grupp wieħed ma rnexxilux juri li d-deċiżjonijiet kummerċjali tiegħu kienu ħielsa biżżejjed mill-indħil tal-Istat. Il-maġġoranza tad-diretturi li jiffurmaw il-Bord tad-Diretturi tiegħu nħatru minn kumpanija li l-parti l-kbira tagħha tinsab fidejn l-Istat. B'riżultat ta' dan, l-Istat kellu l-possibbiltà li jwaqqaf kwalunkwe deċiżjoni milli tittieħed. Għaldaqstant, huwa ċar li l-Istat għandu rwol ewlieni fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet fi ħdan il-kumpanija. B'żieda ma' dan, il-kumpanija ma rnexxilhiex turi li għandha sett ċar ta' kotba ta' kontabbiltà awditjati indipendentement skont l-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà, minħabba l-fatt li l-introju taxxabli tal-kumpanija ma kienx żvelat b'mod korrett fir-rapporti finanzjarji.
- (27) Il-produttur esportatur/grupp l-ieħor inkluż fil-kampjun/lanqas ma rnexxilu juri li d-deċiżjonijiet kummerċjali tiegħu kienu ħielsa biżżejjed mill-indħil tal-Istat. Żewġ negozjanti mill-grupp huma intrapriżi Statali. L-Istat jista' wkoll jindaħal b'mod sinifikanti fit-teħid tad-deċiżjonijiet fi ħdan wieħed mill-produtturi esportaturi tal-grupp minħabba s-setgħa tal-veto impliċita li jeżerċita permezz tad-direttur li jirrappreżenta lill-kumpanija omm propjetà tal-Istat. Min-naħa tiegħu, dan il-produttur huwa l-kumpanija omm u l-akbar azzjonista ta' żewġ produtturi esportaturi oħra fi ħdan il-grupp, u għaldaqstant l-Istat jista' wkoll jindaħal b'mod sinifikanti fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom. Barra minn hekk, tliet produtturi esportaturi mill-grupp ma rnexxilhomx juru li huma jissodisfaw il-kriterju 2 peress li fil-każijiet ta' tnejn minnhom it-trattament fiskali preferenzjali ma ssemmiex fir-rendikonti finanzjarji filwaqt li fil-każ tat-tielet wieħed, deher li l-awditjar ma kienx indipendenti. Barra minn dan, ħames kumpaniji tal-grupp naqsu li jissodisfaw il-kriterju 3 (primarjament minħabba prezzijiet tad-drittijiet tal-użu tal-art li ma jirriflettux is-suq).

- (28) Wieħed mill-produtturi esportaturi li jiffurmaw parti mill-kampjun, li jikkonsisti fi grupp ta' żewġ kumpaniji relatati ma' xulxin, wera li kien jissodisfa l-kriterji kollha tal-Artikolu 2(7)(c) u seta' jingħata t-TES.
- (29) Wara l-iżvelar tas-sejbiet tat-TES, waslu kummenti mill-industrija tal-Unjoni u żewġ produtturi esportaturi/gruppi kkampjunati, li ġew proposti biex ma jingħatawx t-TES. Madankollu, l-ebda wieħed minn dawn il-kummenti ma kien ta' natura li tibdel is-sejbiet f'dan ir-rigward.

## 2. Trattament individwali ("TI")

- (30) F'konformità mal-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, dazju applikabbli għall-pajjiż kollu, jekk ikun hemm, jiġi stabbilit għall-pajjiżi li jaqgħu taħt dan l-Artikolu, bl-eċċezzjoni ta' dawk il-każijiet fejn il-kumpaniji jkunu f'pożizzjoni juru li huma jissodisfaw il-kriterji kollha stipulati fl-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku. Fil-qosor, u għall-faċilità ta' referenza biss, dawn il-kriterji huma elenkati hawn taħt:

- fil-każ ta' ditti li huma kompletament jew parzjalment ta' sidien barranin jew intrapriżi konġunti, l-esportaturi huma liberi li jibagħtu lura lejn pajjiżhom il-kapital u l-profitti;
- il-prezzijiet tal-esportazzjoni u l-kwantitajiet u l-kondizzjonijiet u t-termini tal-bejgħ huma determinati liberament;
- il-maġġoranza tal-ishma jappartenu lil persuni privati. L-uffiċjali tal-Istat li jidhru fuq il-Bord tad-Diretturi jew li għandhom karigi maniġerjali importanti jew huma fil-minoranza jew għandu jintwera li l-kumpanija hi xorta waħda indipendenti biżżejjed mill-indħil tal-Istat;
- il-konverżjonijiet tal-kambju jitwettqu skont ir-rata fis-suq; u
- l-indħil tal-Istat mhux tali li jippermetti ħelsien mir-restrizzjonijiet ta' miżuri jekk l-esportaturi individwali jinghatawllhom rati differenti ta' dazju.

- (31) Iż-żewġ (gruppi ta') kumpaniji inklużi fil-kampjun li ssemew hawn fuq u li ma ġewx aċċettati għat-TES talbu wkoll TI fil-każ li ma jingħatawx TES.

- (32) Abbażi tal-informazzjoni disponibbli nstab li tnejn minn dawn il-(gruppi ta') kumpaniji kkonċernati naqsu li juru li huma jissodisfaw, b'mod kumulattiv, ir-reqwiżiti kollha għat-TI kif stabbilit fl-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku. B'mod partikolari, ġie ppruvat li l-kumpaniji naqsu li jissodisfaw il-kriterji stipulati fl-Artikolu 9(5)(c) tar-Regolament bażiku li jitlob li l-maġġoranza tal-ishma jappartenu lil persuni privati jew li l-kumpaniji jkunu indipendenti biżżejjed mill-Istat ladarba, kif imfisser fil-premessi (26) u (27), instab li l-kumpaniji kollha, bażikament, fil-parti l-kbira minnhom huma proprjetà tal-Istat jew ikkontrollati minnu. Barra minn hekk, kif issemma hawn fuq, instab li dawn iż-żewġ (gruppi ta')

kumpaniji naqsu li juru li huma jissodisfaw il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 9(5)(e), jiġifieri li t-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom huwa ħieles minn indħil sinifikanti tal-Istat li jippermetti evażjoni tal-miżuri fil-każ ta' allo-kazzjoni ta' rati ta' dazju differenti lill-kumpaniji. B'konsegwenza ta' dan, it-talbiet tagħhom għal TI kellhom jiġu rrifjutati.

- (33) Għalhekk, ġie konkluż li t-TI ma kellu jingħata lill-ebda waħda mill-produtturi esportaturi/gruppi inklużi fil-kampjun li nċahdilhom it-TES.

## 3. Il-valur normali

3.1. Id-determinazzjoni tal-valur normali għall-produttur esportatur/grupp li ngħata t-TES

- (34) F'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, fir-rigward ta' dak il-produttur esportatur, il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat jekk it-total tal-bejgħ domestiku tiegħu ta' prodotti tal-fibra tal-ħġieġ tal-filament kontinwu kienu rappreżentattiv, jiġifieri jekk il-volum totali ta' dak il-bejgħ kienu jirrappreżenta mill-inqas 5 % tal-volum totali tal-bejgħ tal-prodott ikkonċernat magħmul minnu għal skopijiet ta' esportazzjoni lejn l-Unjoni. Mill-investigazzjoni rriżulta li l-bejgħ domestiku tal-prodott simili kien rappreżentattiv.

- (35) Sussegwentement, il-Kummissjoni identifikat dawk it-tipi ta' prodotti li kienu qed jinbiegħu fis-suq domestiku mill-kumpaniji li kellhom bejgħ domestiku ġeneralment rappreżentattiv u li kienu identiċi għat-tipi mibjugħa għal skopijiet ta' esportazzjoni lejn l-Unjoni jew simili ħafna għalihom.

- (36) Għal kull tip mibjugħ mill-produttur esportatur fis-suq domestiku tiegħu u misjub komparabbli mat-tip ta' prodotti tal-fibra tal-ħġieġ tal-filament kontinwu mibjugħ għal skopijiet ta' esportazzjoni lejn l-Unjoni, ġie eżaminat jekk il-bejgħ domestiku kienu rappreżentattiv biżżejjed għall-finijiet tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku ta' tip partikolari ta' prodott tqies rappreżentattiv biżżejjed fil-każijiet fejn il-volum ta' dak it-tip ta' prodott mibjugħ lil klijenti indipendenti fis-suq domestiku matul il-PI kien jirrappreżenta madwar 5 % tal-volum totali tat-tip ta' prodott komparabbli mibjugħ għal skopijiet ta' esportazzjoni lejn l-Unjoni. Mill-investigazzjoni rriżulta li kien hemm bejgħ domestiku rappreżentattiv fil-każijiet tat-tipi kollha tal-prodotti ħlief erbgħa.

- (37) Sussegwentement, il-Kummissjoni eżaminat jekk kull tip ta' prodott ikkonċernat li kien jinbiegħ fis-suq domestiku fi kwantitajiet rappreżentattivi setax jitqies li kien jinbiegħ fit-tmexxija ordinarja tal-kummerċ kif iddefinita fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku. Dan sar billi, għal kull tip ta' prodott, ġie stabbilit il-proporzjon tal-bejgħ bi qligħ lil klijenti indipendenti fis-suq domestiku matul il-perjodu tal-investigazzjoni.

- (38) Fil-każijiet fejn il-volum tal-bejgħ ta' tip ta' prodott bi prezz nett tal-bejgħ ugwali għall-ispejjeż ikkalkulati tal-produttur jew oġġa minnhom kien jirrappreżenta aktar minn 80 % tal-volum totali tal-bejgħ ta' dak it-tip u fejn il-medja ppeżata tal-prezzijiet tal-bejgħ kienet daqs l-ispiża għal kull unità jew akbar minnha, il-valur normali, skont it-tip ta' prodott, ġie kkalkulat bħala l-medja ppeżata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu tat-tip inkwistjoni.
- (39) Fil-każijiet fejn il-volum tal-bejgħ bi qligħ ta' tip ta' prodott kien jirrappreżenta 80 % tal-volum totali tal-bejgħ ta' dak it-tip ta' prodott jew inqas jew fejn il-medja ppeżata tal-prezzijiet ta' dak it-tip kienet iżgħar mill-ispiża għal kull unità, il-valur normali ġie bbażat fuq il-prezz domestiku attwali, li ġie kkalkulat bħala l-medja ppeżata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku bi qligħ biss tat-tip inkwistjoni.
- (40) Fejn it-tipi kollha tal-prodotti kienu jinbiegħu b'telf, kien ikkunsidrat li dawn ma kinux jinbiegħu fl-operazzjonijiet ordinarji tal-kummerċ.
- (41) Mill-investigazzjoni rriżulta li l-bejgħ bi qligħ tat-tipi ta' prodotti komparabbli kollha għajr wieħed kien jammonta għal aktar minn 80 % tal-bejgħ domestiku totali, u għaldaqstant, il-bejgħ domestiku kollu ntuża fil-kalkolu tal-prezz medju għall-valur normali. Għal tip wieħed ta' prodott intuża l-bejgħ bi qligħ biss. Fejn jidħol il-bejgħ tal-erba' tipi ta' prodotti li ma kinux jinbiegħu fis-suq domestiku fi kwantitajiet rappreżentattivi, il-Kummissjoni użat għall-valur normali prezzijiet domestiċi rappreżentattivi ta' tipi simili ħafna, bl-aġġustamenti xierqa.
- 3.2. Id-determinazzjoni tal-valur normali produtturi esportaturi/gruppi li ma ngħatawx TES
- (a) *Il-pajjiż analogu*
- (42) F'konformità mal-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku, il-valur normali tal-kumpaniji li ma setgħux jingħataw TES ġie stabbilit abbażi tal-prezzijiet jew tal-valur maħdum f'pajjiż analogu.
- (43) Fl-avviż tal-ftuħ ta' proċedura anti-dumping, il-Kummissjoni indikat l-intenzjoni tagħha li tuża lit-Turkija bħala pajjiż analogu adegwat biex tistabbilixxi valur normali għar-RPĊ u stiednet lill-partijiet interessati biex jikkumentaw fuq dan.
- (44) Ippreżentaw ruħhom żewġ partijiet interessati li stqarrew li t-Turkija ma kinitx pajjiż analogu adegwat, iżda mingħajr ma ssostanzjaw it-talba tagħhom. Parti interessata oħra kkomentat fuq l-għażla tal-pajjiż analogu u ssuġġeriet li tintuża l-Indja minflok peress, kif qalet, l-Indja kienet tinsab flivell ta' żvilupp komparabbli ma' dak tar-RPĊ, is-swieq kienu komparabbli ladarba fiż-żewġt iswieq l-applikazzjonijiet tal-enerġija mir-riħ kienu importanti ħafna, u kienu qed jiġu mmanifatturati tipi komparabbli, b'mod simili. Barra minn hekk, is-suq Indjan ġie deskritt bħala suq miftuħ b'ammont sinifikanti ta' importazzjoni. U fl-aħħar nett, issemma li fiż-żewġ pajjiżi kien komparabbli l-aċċess għall-materja prima.
- (45) Il-Kummissjoni talbet il-koperazzjoni tal-produtturi tal-prodott simili fit-Turkija, fil-Kanada, fl-Istati Uniti, ir-Repubblika tal-Korea, u fl-Indja. Madankollu, kien biss l-uniku produttur Tork li esprima r-rieda tiegħu li jikkopera u li wiegħeb il-kwestjonarju.
- (46) Huwa rrikonoxxut li t-Turkija hija pajjiż analogu rappreżentattiv fir-rigward tal-volum tal-bejgħ domestiku. Madankollu, il-valur normali ta' tip wieħed tal-prodott simili, li mhux qed jiġi mmanifatturat fit-Turkija, jkollu bżonn jinħadem. Wieħed jinnota wkoll li l-investigazzjoni anti-dumping li għaddeja kontra t-Turkija fir-rigward tal-importazzjoni ta' prodotti tal-fibra tal-ħġieġ tal-filament kontinwu tindika l-possibbiltà ta' tnaqqis tal-prezzijiet fis-suq domestiku Tork. Madankollu, billi t-Turkija kienet l-uniku pajjiż li qabel li jikkopera f'din l-investigazzjoni, ġie konkluż b'mod provviżorju li t-Turkija kellha tintuża bħala pajjiż analogu.
- (b) *Id-determinazzjoni tal-valur normali*
- (47) F'konformità mal-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, il-prezz normali għall-produtturi esportaturi li ma ngħatawx TES ġie stabbilit abbażi tal-informazzjoni vverifikata li waslet mingħand il-produttur fil-pajjiż analogu, skont il-metodoloġija ġenerali li ġiet deskritta hawn fuq fir-rigward tal-grupp ta' kumpaniji li ngħata TES. Fil-każijiet fejn fis-suq domestiku tal-pajjiż analogu xi tip ta' prodott kien jinbiegħ kollu b'telf jew ma kinux jinbiegħu tipi simili, il-valur normali nħadem skont l-Artikolu 2(3) u 2(6) tar-Regolament bażiku.
- 4. Il-prezz tal-esportazzjoni**
- (48) Fil-parti l-kbira tal-każijiet, il-prodott ikkonċernat ġie esportat lejn klijenti indipendenti fl-Unjoni, u għaldaqstant, il-prezz tal-esportazzjoni ġie kkalkulat skont l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku, jiġifieri abbażi tal-prezzijiet tal-esportazzjoni attwalment imħallsa jew li kellhom jitħallsu.
- (49) Fejn ma kienx isir ħlief ftit bejgħ għal skopijiet ta' esportazzjoni minn produttur esportatur wieħed lill-kumpaniji relatati miegħu fl-Unjoni, instab li dak kien maħsub għal użu vinkolanti, u konsegwentement ma ntużax għall-kalkolu provviżorju tad-dumping.
- 5. Paragun**
- (50) Il-paragun tal-valur normali u tal-prezzijiet tal-esportazzjoni sar abbażi tal-prezz tal-prodotti kif ħerġin mill-fabbrika. Sabiex ikun żgurat paragun ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni, ġew ikkunsidrati kif xieraq, f'forma ta' aġġustamenti, id-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Saru aġġustamenti xierqa fil-każijiet kollha fejn instab li kienu raġonevoli, preċiżi u mirfuda minn xhieda vverifikata. Saru aġġustamenti fil-każ tat-taxxi indiretti, tat-trasport ta' merkanzija bil-baħar u l-spejjeż relatati tal-assigurazzjoni, tat-trasport ta' merkanzija fil-pajjiż esportatur, tal-livell tal-kummerċ (fil-każijiet ta' differenzi fil-kanal ta' distribuzzjoni), tal-ispejjeż ta' garanzija, tal-ispejjeż ta' kreditu, u tal-ispejjeż bankarji.

## 6. Il-marġnijiet ta' dumping

- (51) Il-marġnijiet provviżorji ta' dumping ġew espressi bħala perċentwali tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas.
- (52) Għall-grupp ta' produttori esportaturi li kien jikkopera u li ngħata TES, ġie stabbilit marġni ta' dumping individwali abbażi ta' paragun tal-valur normali medju ppeżat u l-prezz medju ppeżat tal-esportazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.
- (53) Il-marġni ta' dumping għall-kumpaniji inklużi fil-kampjun li ma ngħataw TES jew TI u għall-kumpaniji mhux inklużi fil-kampjun li kkoperaw ġie kkalkulat bħala l-medja tat-tliet kumpaniji/gruppi ta' kumpaniji tal-kampjun.
- (54) Minħabba l-livell għoli ta' koperazzjoni fl-investigazzjoni, billi l-kumpaniji li kienu qed jikkoperaw kienu jirrappreżentaw madwar 100 % tal-importazzjoni kollha mir-RPĊ tul il-PI, għal kwalunkwe kumpanija li ma kinitx qiegħda tikkopera ġie stabbilit il-marġni għall-pajjiż kollu bl-użu tal-ogħla wieħed mill-marġnijiet li nstabu fil-każijiet tal-(gruppi ta') kumpaniji inklużi fil-kampjun.
- (55) Abbażi ta' dan, il-livelli provviżorji ta' dumping huma dawn li ġejjin:

Kumpanija	Marġni provviżorju ta' dumping
New Changhai Group	8,5 %
Kumpaniji oħra li kkoperaw	43,6 %
Residwali	43,6 %

## D. ID-DANNU

### 1. Il-produzzjoni u l-industrija tal-Unjoni

- (56) Matul il-PI, fl-Unjoni, il-prodott simili kien qed jiġi mmanifatturat minn 11-il produttur. Minn dan il-11-il produttur, sebgħa kkoperaw fl-investigazzjoni. Dawn is-seba' produttori, kollha kemm huma, kienu membri tal-ilmentatur u nstab li jirrappreżentaw proporzjon importanti tat-total tal-produzzjoni tal-prodott simili fl-Unjoni – f'dan il-każ aktar minn 90 %. Mill-erba' produttori tal-Unjoni li fadal, wieħed kien ukoll ilmentatur, tnejn appoġġjaw l-ilment b'mod attiv filwaqt li r-raba' wieħed la appoġġjah u lanqas opponieh. Għaldaqstant, il-11-il produttur jikkostitwixxu l-industrija tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikoli 4(1) u 5(4) tar-Regolament bażiku u minn hawn 'il quddiem se ssir referenza għalihom bħala l-"industrija tal-Unjoni".
- (57) Kif indikat taħt il-premessa (13) ta' hawn fuq, ingħażel kampjun ta' tliet produttori li kienu jirrappreżentaw

madwar 64 % tat-total tal-produzzjoni tal-Unjoni. Peress li tnejn minn dawn il-produttori kienu gruppi ta' kumpaniji relatati ma' xulxin, b'diversi entitajiet ta' produzzjoni fl-Unjoni, il-kampjun kien magħmul minn total ta' disa' kumpaniji individwali.

- (58) Xi partijiet interessati allegaw li l-produttori tal-Unjoni inklużi fil-kampjun ma kellhomx jitqiesu bħala industrij tal-Unjoni ladarba t-tlieta li huma kellhom produttori Ċiniżi relatati magħhom li kienu qed jimmanifatturaw il-prodott ikkonċernat. L-investigazzjoni kkonfermat li fil-fatt, tnejn mit-tliet produttori tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kellhom kumpaniji ta' produzzjoni relatati magħhom fiċ-Ċina. Madankollu nstab li, minkejja r-rabta li kien hemm, dawn iż-żewġ produttori tal-Unjoni inklużi fil-kampjun ma wrew l-ebda mġiba li kienet taffettwa l-affidabbiltà tar-riżultati tal-investigazzjoni. Il-volum tal-prodotti li dawn il-produttori tal-Unjoni impurtaw mill-kumpaniji relatati magħhom fir-RPĊ huwa limitat (inqas minn 4 % tal-importazzjoni mir-RPĊ). B'żieda ma' dan, din l-importazzjoni tista' titqies bħala negliġibbli meta mqabbla mat-total tal-produzzjoni tal-produttori kkonċernati tal-Unjoni, li bl-ebda mod m'għandhom jiġu kkunsidrati bħala importaturi peress li jidher ċar li huma produttori ġenwini tal-fibri tal-ħġieġ. U fl-aħħar, l-indikaturi tad-dannu relatati mal-produttori kkonċernati tal-Unjoni ma kinux affettwati minn din l-importazzjoni limitata. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni qieset li ma kien hemm l-ebda raġuni biex teskludi mid-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni, skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku, kwalunkwe wieħed mill-produttori tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

### 2. Il-konsum tal-Unjoni

- (59) Il-konsum tal-Unjoni ġie kkalkulat abbażi tal-volum ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni u d-dejta dwar il-volum ta' importazzjoni mogħtija mill-Ewrostat għas-suq tal-Unjoni.
- (60) Bejn l-2006 u l-PI, il-konsum tal-Unjoni tnaqqas bil-kbir, jiġifieri b'24 %. Madankollu, kien hemm żieda żgħira fil-konsum fl-2007 u fl-ewwel nofs tal-2008.

Tabella 1

	Konsum tal-Unjoni			
	2006	2007	2008	PI
Unitajiet (tunnellati)	982 831	1 043 611	1 035 795	748 045
indicijati	100	106	105	76

### 3. L-importazzjoni mill-pajjiż ikkonċernat

3.1. Il-volum tal-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping

- (61) Il-volum tal-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ lejn is-suq tal-Unjoni kien qed jiżdied b'mod sinifikanti matul il-perjodu kkunsidrat. Ġeneralment, matul il-perjodu kkunsidrat, l-importazzjonijiet mir-RPĊ żdiedu b'aktar minn 50 %. B'mod partikolari, bejn l-2006 u l-2008, l-importazzjonijiet mir-RPĊ żdiedu aktar mid-doppju. Matul il-PI naqsu meta mqabbla mal-2008, iżda r-rata tat-tnaqqis (25 %) kienet aktar baxxa minn dik tat-tnaqqis fil-konsum (28 %).

Tabella 2

Importazzjonijiet mir-RPĊ (volum)				
	2006	2007	2008	PI
Unitajiet (tunnel-lati)	77 283	122 190	155 875	116 413
indicijati	100	158	202	151

3.2. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping

- (62) Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mir-RPĊ li kienu l-oġġett ta' dumping żdied b'mod kontinwu matul il-perjodu kkunsidrat. Waqt il-PI, l-importazzjonijiet miċ-Ċina kellhom sehem mis-suq ta' 15,6 %, jiġifieri kien jammonta kważi għad-doppju tas-sehem li kellhom mis-suq fl-2006.

Tabella 3

Importazzjonijiet mir-RPĊ (sehem mis-suq)				
	2006	2007	2008	PI
Sehem mis-suq (%)	7,9 %	11,7 %	15,0 %	15,6 %
indicijati	100	149	191	198

3.3. Prezzijiet

(a) Evoluzzjoni tal-prezzijiet

- (63) It-Tabella ta' hawn taħt turi l-prezz medju tal-importazzjonijiet mir-RPĊ li kienu l-oġġett ta' dumping, fil-fruntiera Ewropea u bid-dazju mhux imħallas, kif irrapportat mill-Ewrostat. Il-prezz medju tal-importazzjonijiet mir-RPĊ baqa' sostanzjalment stabbli matul il-perjodu kkunsidrat. Dan wieħed seta' josservah minkejja żieda sinifikanti madwar id-dinja kollha għall-manifattura tal-fibri tal-ħġieġ ta' filament kontinwu matul il-perjodu kkunsidrat (kif muri wkoll fit-Tabella 18).

Tabella 4

Importazzjonijiet mir-RPĊ (prezzijiet)				
	2006	2007	2008	IP
Prezz medju/tunnel-lata (EUR)	930	936	970	943
indicijati	100	101	104	101

(b) Bejgħ bi prezz baxx

- (64) Sar tqabbil li fih tqabbel tip ma' tip bejn il-prezzijiet tal-bejgħ tal-produtturi esportaturi Ċiniżi u l-prezzijiet tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Għal dan l-iskop, il-prezzijiet li l-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun japplikaw fil-bejgħ lil klijenti mhux relatati magħhom tqabblu mal-prezzijiet tal-produtturi esportaturi tal-pajjiż ikkonċernat li ffurmaw parti mill-kampjun. Sabiex jittieħdu inkonsiderazzjoni d-differenzi fil-livell tal-kummerċ u l-ispejjeż ta' wara l-importazzjoni, ġew applikati aġġustamenti fejn meħtieġ.
- (65) It-tqabbil wera li matul il-PI, il-prodotti kkonċernati impurtati mir-RPĊ inbiegħu fl-Unjoni bi prezzijiet aktar baxxi minn dawk tal-industrija tal-Unjoni b'rata li tvarja minn 23 % sa 39 %, meta wieħed jesprimihom bħala perċentwali ta' dawn tal-aħħar.

### 4. Il-qagħda ekonomika tal-industrija tal-Unjoni

4.1. Rimarki preliminari

- (66) F'konformità mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat il-fatturi u indikaturi ekonomiċi rilevanti kollha li għandhom effett fuq il-qagħda tal-industrija tal-Unjoni. Id-dejta ppreżentata hawn taħt tirreferi għall-industrija tal-Unjoni fl-intier tagħha fejn jidħlu l-bejgħ u s-sehem mis-suq u għall-produtturi tal-kampjun fir-rigward tal-bqija tal-indikaturi.

4.2. Il-produzzjoni

- (67) Il-volumi tal-produzzjoni tal-Unjoni baqgħu relattivament stabbli mill-2006 sal-2008, iżda naqsu f'daqqa matul il-PI:

Tabella 5

Industrija tal-Unjoni - produzzjoni				
produtturi inklużi fil-kampjun	2006	2007	2008	PI
Unitajiet (tunnel-lati)	495 942	508 837	502 729	312 824
indicijati	100	103	101	63

4.3. Il-kapaċità ta' produzzjoni u l-utilizzazzjoni tagħha

- (68) Il-kapaċità ta' produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żviluppat kif ġej:

Tabella 6

Industrija tal-Unjoni - kapaċità ta' produzzjoni				
produtturi inklużi fil-kampjun	2006	2007	2008	PI
Kapaċità (tunnellati)	575 900	573 600	585 350	510 700
indicijati	100	100	102	89
Utilizzazzjoni tal-kapaċità (%)	86 %	89 %	86 %	61 %
indicijati	100	103	100	71

- (69) Matul il-PI, il-kapaċità ta' produzzjoni naqset. Fil-fatt, fid-dawl tal-erożjoni tal-prezzijiet u t-telf fir-rigward tas-sehem mis-suq minħabba l-importazzjonijiet mir-RPĊ li kienu l-oġġett ta' dumping, diversi linji ta' produzzjoni żżarmaw, inġhalqu temporanjament, jew iċċekknaw. Minkejja dan it-tnaqqis fil-kapaċità ta' produzzjoni, ir-rata ta' utilizzazzjoni tal-kapaċità niżlet minn 86 % għal 61 %, jiġifieri niżlet b' 29%.

#### 4.4. Ħażniet

- (70) It-Tabella ta' hawn taħt turi li l-ħażniet l-ewwel naqsu fl-2007, meta l-konsum kien fl-aqwa tiegħu, imma mbagħad, fl-2008, irreġistraw żieda qawwiya fid-dawl tal-waqqha għal għarrieda fid-domanda li seħħet fir-raba' kwart ta' dik is-sena. Matul il-PI, il-ħażniet reġgħu lura għal livelli aktar normali.

Tabella 7

Industrija tal-Unjoni - ħażniet				
produtturi inklużi fil-kampjun	2006	2007	2008	PI
Unitajiet (tunnellati)	88 968	73 018	123 910	82 160
indicijati	100	82	139	92

#### 4.5. Il-volum ta' bejgħ (total tal-industrija tal-Unjoni)

- (71) Il-volum tal-bejgħ tal-produtturi kollha tal-Unjoni fis-suq tal-UE, inkluż dak maħsub għal użu vinkolanti, żviluppa kif ġej:

Tabella 8

Industrija tal-Unjoni - bejgħ fl-UE (volum)				
il-produtturi kollha tal-UE	2006	2007	2008	PI
Unitajiet (tunnellati)	737 818	743 784	706 746	520 064
indicijati	100	101	96	70

- (72) Il-volum ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fl-intier tagħha naqset bi 30 %. Fl-2007, filwaqt li l-konsum tal-Unjoni żdied b'6 % (kif muri fit-Tabella 1 ta' hawn fuq), il-volum tal-bejgħ tal-prodott ikkonċernat magħmul mill-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni żdied b'1 % biss. Dan ifisser li l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tibbenefika mill-konsum miżjud ta' dak il-perjodu. Sussegwentement, fl-2008 u fil-PI, il-volum ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas bil-kbir.

#### 4.6. Is-sehem mis-suq (total tal-industrija tal-Unjoni)

- (73) Is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni tnaqqas bil-kbir fl-2007 u l-2008, u mbagħad irkupra ftit fil-PI. Madankollu, b'mod ġenerali, matul il-perjodu kkunsidrat, l-industrija tal-Unjoni tilfet 5,6 punti perċentwali mis-sehem tagħha mis-suq filwaqt li, kif jidher fit-Tabella 3 ta' hawn fuq, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mir-RPĊ li kienu l-oġġett ta' dumping kważi rdoppja matul il-perjodu kkunsidrat.

Tabella 9

Industrija tal-Unjoni - sehem mis-suq tal-UE				
il-produtturi kollha tal-UE	2006	2007	2008	PI
Sehem mis-suq tal-UE (%)	75,1 %	71,3 %	68,2 %	69,5 %
indicijati	100	95	91	93

#### 4.7. Il-prezzijiet tal-bejgħ

- (74) Fejn jidher l-prezzijiet medji tal-bejgħ, it-Tabella ta' hawn taħt turi li matul il-perjodu eżaminat, l-industrija tal-Unjoni ma rnexxilhiex iżżid il-prezzijiet tal-bejgħ lil klijenti mhux relatati. Għall-kuntrarju, il-prezzijiet medji tal-bejgħ naqsu bi 2 %, u dan il-fatt jidher saħansitra aktar eċċezzjonali fil-kuntest ta' żieda fil-prezzijiet tal-materja prima. Fil-fatt, l-industrija tal-Unjoni ma kellhiex il-possibiltà li fil-prezzijiet tal-bejgħ tirrifletti ż-żieda fl-ispejjeż tal-materja prima, minħabba l-pressjoni 'l isfel fuq il-livelli tal-prezzijiet fl-Unjoni li saret mill-importazzjonijiet mir-RPĊ li kienu l-oġġett ta' dumping.

Tabella 10

Industrija tal-Unjoni - bejgħ fl-UE (prezz medju)				
produtturi inklużi fil-kampjun	2006	2007	2008	PI
EUR/tunnellata	1 179	1 166	1 192	1 159
indicijati	100	99	101	98



## 4.8. L-impjeggi

- (75) Il-livelli tal-impjeggi tal-produtturi tal-Unjoni juru li matul il-perjodu kkunsidrat kollu, l-industrija tal-Unjoni rrazzjonalizzat il-produzzjoni, bil-għan li tnaqqas l-ispejjeż tal-manifattura u li tikkontrabilanċja ż-żieda fl-ispejjeż tal-materja prima. Fil-fatt, in-numru tal-impjegati tnaqqas b'20 punt perċentwali għall-perjodu kollu, bi tnaqqis bi 15-il punt perċentwali jikkonċentra ruħu fil-perjodu ta' bejn l-2007 u l-PI.

Tabella 11

Industrija tal-Unjoni – impjeggi				
produtturi inklużi fil-kampjun	2006	2007	2008	PI
Numru ta' impjegati	4 114	3 890	3 705	3 302
indicijati	100	95	90	80

## 4.9. Il-produttività

- (76) B'riżultat tal-isforzi tal-industrija tal-Unjoni li ġew deskritti fil-premessa ta' qabel, il-produttività tal-ħaddiema fil-produzzjoni tal-Unjoni żdiedet b'mod sinifikanti fl-2007 u l-2008. Dan l-iżvilupp pożittiv inbidel ta' taħt fuq matul il-PI u rriżulta ftelf ġenerali ta' produttività ta' 21 % matul il-perjodu kkunsidrat. Din il-bidla fil-produttività kienet dovuta, f'parti minnha, għall-kollass tad-domanda, u f'parti oħra għall-prodotti impurtati mir-RPĊ li kienu l-oġġett ta' dumping u li kienu jinbiegħu bi prezzijiet ħafna inqas minn dawk tal-industrija tal-Unjoni, u wassal għal tnaqqis sostanzjali fil-produzzjoni, u b'hekk anki għal żieda fl-impjeggi għal kull unità tal-fibra tal-ħġieġ immanifatturata.

Tabella 12

Industrija tal-Unjoni – produttività				
produtturi inklużi fil-kampjun	2006	2007	2008	PI
tunnellata/impjegat(a)	121	131	136	95
indicijata	100	108	113	79

## 4.10. Il-paga

- (77) Matul il-perjodu kkunsidrat, l-industrija tal-Unjoni rnexxielha tikkontrolla l-bidla fl-ispejjeż tax-xogħol. Fil-fatt, it-Tabella ta' hawn fuq turi li fl-2007 u l-2008, kien hemm żieda żgħira fil-paga medja annwali, iżda tnaqqis fil-PI. Tul il-perjodu kollu, l-ispejjeż tax-xogħol għal kull unità tnaqqsu bi 3 %. Madankollu, dan it-tnaqqis kien ikun aktar espliċitu kieku l-ammonti ta' kumpens għat-termi-

nazzjoni tal-impjeggi kienu esklużi mit-tendenza msemmija.

Tabella 13

Industrija tal-Unjoni - spejjeż tax-xogħol				
produtturi inklużi fil-kampjun	2006	2007	2008	PI
paga annwali (EUR)	42 649	43 257	43 991	41 394
indicijati	100	101	103	97

## 4.11. Profittabbiltà u redditu fuq l-investimenti (ROI)

- (78) Il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni ġiet ikkalkulata billi l-qligħ nett ta' qabel it-taxxa mill-bejgħ tal-prodott simili ġie espress bħala perċentwali tal-fatturat ta' dan il-bejgħ. Waqt il-kalkolu tal-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni, iċ-ċifri vverifikati ġew ikkoreġuti bil-għan li ma jkunx possibbli li din l-analiżi tkun influwenzata minn kwistjonijiet straordinari speċifiċi għal kumpaniji partikolari li ħallew impatt sproporzjonat fuq iċ-ċifri tal-qligħ ta' dawk il-kumpaniji f'perjodu partikolari. Skont dawn il-korrezzjonijiet, il-profittabbiltà tal-produtturi inklużi fil-kampjun u r-redditu fuq l-investimenti mwettqa minnhom b'raba mal-bejgħ tal-prodott simili fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 14

Industrija tal-Unjoni - profittabbiltà u redditu fuq l-investimenti (ROI)				
produtturi inklużi fil-kampjun	2006	2007	2008	PI
qligħ nett (% tal-fatturat)	0,3 %	4,7 %	3,5 %	- 15,0 %
ROI	2,5 %	6,2 %	3,0 %	- 16,8 %

- (79) Bħalma turi t-Tabella ta' hawn fuq, matul il-parti l-kbira tal-perjodu kkunsidrat, l-industrija tal-Unjoni rnexxielha tilħaq livelli limitati ta' qligħ – b'xi eċċezzjoni fis-sena 2007, meta r-rata medja ta' profittabbiltà laqgħet l-4,7 %. Matul il-PI, il-qligħ inqaleb ftelf enormi, bir-rata medja tat-telf tal-industrija tal-Unjoni titbaxxa sa 15 %.

- (80) Fejn jidħol ir-redditu fuq l-investimenti (ROI), espress bħala l-qligħ f'perċentwali tal-valur nett fuq il-kotba tal-investimenti, jidher li dan l-indikatur segwa x-xejra tal-profittabbiltà. Ġeneralment, ir-redditu fuq l-investimenti baqa' pjuttost limitat matul il-perjodu kkunsidrat kollu, bl-eċċezzjoni tal-2007. U fl-aħħar, fil-PI, l-ROI tal-industrija tal-Unjoni niżel għal - 16,8 %.

- (81) Is-sitwazzjoni finanzjarja delikata msemmija seħħet minkejja l-konsum miżjud matul il-perjodu ta' bejn l-2006 u l-2008, kif ġie deskritt fil-premessa (60) ta' hawn fuq, u l-isforzi tal-industrija tal-Unjoni għar-razzjonalizzazzjoni tal-ispejjeż tal-produzzjoni, kif deskritti fil-premessi (75) u (76) ta' hawn fuq. Matul il-perjodu kkunsidrat, it-tkabbir qawwi fil-volumi ta' prodotti impurtati mir-RPĊ bi prezzijiet baxxi li kienu l-oġġett ta' dumping affettwa l-volum ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni u rriżulta wkoll ferożjoni serja tal-prezzijiet. Dawn il-fatturi ħallew impatt fuq il-qagħda finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni. Dan jista' jintwera aħjar bit-telf drammatiku ta' 15 % matul il-PI.

#### 4.12. Il-likwidità u l-ħila ta' tkabbir tal-kapital

- (82) Il-likwidità netta minn attivitajiet operattivi żviluppat kif ġej:

Tabella 15

Industrija tal-Unjoni – likwidità				
<i>produtturi inklużi fil-kampjun</i>	2006	2007	2008	PI
likwidità (EUR)	34 261 986	17 230 139	7 452 912	- 22 001 723
<i>indiċjati</i>	100	50	22	- 64

- (83) It-Tabella ta' hawn fuq tikkonferma l-qagħda finanzjarja delikata tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu 2006-2008 u d-deterjorament drammatiku li rriżulta minnha fil-PI.

#### 4.13. L-investimenti

- (84) Matul il-perjodu kkunsidrat, l-investimenti tal-produtturi tal-kampjun żviluppaw kif ġej:

Tabella 16

Industrija tal-Unjoni – investimenti				
<i>produtturi inklużi fil-kampjun</i>	2006	2007	2008	PI
investimenti netti (EUR)	40 089 991	20 804 311	43 613 463	28 387 044
<i>indiċjati</i>	100	52	109	71

- (85) Fl-2006 u l-2008, li kienu l-aqwa snin, il-livell tal-investimenti kien relattivament għoli minħabba l-bini mill-ġdid ta' kalkari. F'din l-industrija li titlob investimenti kapitali kbar, il-kalkari għandhom jinbnew mill-ġdid kull 7 sa 10 snin, u l-ispejjeż marbuta mal-bini mill-ġdid ta' kalkara jistgħu jammontaw għal bejn € 8 miljuni u € 13-il miljun (jingħata marġni għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità). Il-parti l-kbira tal-ispejjeż għoljin l-oħra tal-investment, li huma aktar strutturali, hija marbuta mal-konsum tal-liġi użati għall-mekkaniżmi bil-bushings u r-rikostruzzjoni konsegwenti tagħhom.

#### 4.14. Id-dimensjoni tal-marġni reali ta' dumping

- (86) Il-marġnijiet ta' dumping li jikkarakterizzaw l-importazzjoni mir-RPĊ, kif speċifikati hawn fuq fil-premessa (55), huma għoljin ħafna. Minħabba l-volum, is-sehem mis-suq u l-prezzijiet tal-prodotti impurtati li huma l-oġġett ta' dumping, l-impatt tal-marġnijiet ta' dumping ma jistax jitqies neglijabbli.

#### 5. Konklużjoni dwar id-dannu

- (87) Minkejja sforzi serji mill-industrija tal-Unjoni għaż-żieda tal-kompetittività tagħha, il-parti l-kbira tal-indikaturi tad-dannu li jikkarakterizzaw l-industrija tal-Unjoni żviluppaw b'mod negattiv matul il-perjodu kkunsidrat. Dan wieħed ma jistax ma jinnutax, partikolarment meta janalizza l-indikaturi relatati mal-prestazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni, jiġifieri r-redditu fuq l-investimenti, il-likwidità, u l-profittabbiltà, li kollha kemm huma żviluppaw b'mod drammatiku. B'żieda ma' dan, l-indikaturi li jirrigwardaw il-produzzjoni, il-kapaċità ta' produzzjoni, l-utilizzazzjoni tal-kapaċità, il-volumi ta' bejgħ, u s-sehem mis-suq ikkonfermaw ukoll xejra ċara għall-agħar.

- (88) Fl-istess ħin, il-fibri tal-ħġieġ impurtati mir-RPĊ kienu qed jinbiegħu bi prezzijiet aktar baxxi minn dawk tal-industrija tal-Unjoni anke b'differenza ta' 39 % matul il-PI, u l-industrija tal-Unjoni tilfet 5 punti perċentwali fir-rigward tas-sehem mis-suq fi żmien inqas minn erba' snin.

- (89) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, qed jiġi konkluż b'mod provviżorju li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

## E. KAWŻALITÀ

### 1. Daħla

- (90) F'konformità mal-Artikolu 3(6) u 3(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping ikkawżawx dannu lill-industrija tal-Unjoni sa grad li jippermetti li jkun ikklassifikat bħala materjali. Fatturi magħrufa oħra, barra l-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping, li possibbilment matul l-istess perjodu kkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni, ġew eżaminati wkoll biex ikun żgurat li d-dannu possibbilment ikkawżat minn dawn il-fatturi l-oħra ma jiġix attribwit lill-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping.

### 2. L-effett tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping

- (91) Bejn l-2006 u l-PI, il-volum tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li kienu l-oġġett ta' dumping żdied b'51 %, u dan wassal għal żieda fis-sehem mis-suq tal-Unjoni bi 98 %, minn 7,9 % għal 15,6 %.
- (92) Iż-żieda matul il-perjodu kkunsidrat fl-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ li kienu l-oġġett ta' dumping ikkoinċidiet ma' xejra ta' tnaqqis fir-rigward tal-parti l-kbira tal-indikaturi tad-dannu li jikkarakterizzaw l-industrija tal-Unjoni. L-industrija tal-Unjoni tilfet 5,6 punti perċentwali mis-sehem tagħha mis-suq, u l-prezzijiet tagħha tal-bejgħ naqsu bi 2 % minħabba l-pressjoni li eżerċitaw fuq is-suq tal-Unjoni importazzjonijiet bi prezzijiet baxxi li kienu l-oġġett ta' dumping. It-tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet ma ppermettix lill-industrija tal-Unjoni titrasferixxi, sa grad aċċettabbli, iż-żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni, u dan il-fatt irriżulta f'livelli ta' profittabbiltà baxxi u, matul il-PI, saħansitra negattivi.
- (93) Ta' min jinnota wkoll li s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mir-RPĊ li huma l-oġġett ta' dumping baqa' jżdied anki matul il-PI. Fi kliem ieħor, kif issemma wkoll fil-premessa (62) ta' hawn fuq, il-volum tal-importazzjonijiet mir-RPĊ li huma l-oġġett ta' dumping tnaqqas aktar bil-mod mill-konsum tal-Unjoni.
- (94) Ċerti partijiet interessati sostnew li ma kienx hemm rabta bejn l-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Wieħed mill-argumenti mqajma f'dan ir-rigward kien li d-differenza li hemm bejn il-prezzijiet tal-bejgħ Ċiniżi u dawk tal-Unjoni baqgħet pjuttost kostanti matul il-perjodu kkunsidrat kollu filwaqt li kien hemm fluttwazzjoni fil-profitabbiltà tal-industrija tal-Unjoni fl-istess perjodu. F'dan ir-rigward, wieħed għandu jżomm f'moħħu li mhuwiex biss il-livell tal-prezzijiet, iżda wkoll il-volum tal-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping, bil-prezz tagħhom diġà baxx, , li eżerċita pressjoni qawwija fuq il-bejgħ magħmul mill-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk,

anki jekk possibbilment fatturi oħra kellhom ċertu rwol fl-aggravament tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, jiġifieri affettwaw ukoll sa ċertu punt il-profitabbiltà tagħha, dan il-fatt bl-ebda mod ma jista' jtaffi l-impatt tal-importazzjonijiet mir-RPĊ li huma l-oġġett ta' dumping u li b'mod kostanti kienu qed jitwettqu bi prezzijiet aktar baxxi minn dawk tal-Unjoni, b'mod partikolari minħabba l-fatt li dan kien qed iseħħ b'rata relattivament stabbli minkejja t-tibdiliet fis-suq, bħal pereżempju żieda jew tnaqqis fil-konsum jew fit-tibdil fil-prezzijiet tal-materja prima.

- (95) Argument simili ġie ppreżentat fir-rigward tan-nuqqas allegat ta' rabta bejn iċ-ċifri tal-profitabbiltà tal-industrija tal-Unjoni u l-iżvilupp tas-sehem tagħha mis-suq. Fil-fatt, pereżempju, il-livelli ta' profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni ttejjbu temporanjament mill-2006 għall-2007 minkejja t-tnaqqis li kien hemm fis-sehem tagħha mis-suq. Dan kien, sa ċertu punt, dovut għall-kundizzjonijiet imtejba fis-suq tal-Unjoni fis-sena 2007 (ara ż-żieda ta' 6 % fil-konsum tal-Unjoni msemmija fil-premessa (60) ta' hawn fuq). Aktar importanti, però, huwa l-fatt li fis-snin 2006 u 2007, l-industrija tal-Unjoni ffukat fuq ir-razzjonalizzazzjoni tal-produzzjoni tagħha bis-saħħa ta' tnaqqis fl-ispejjeż tal-manifattura, u dan l-isforz ħalla wkoll impatt fuq il-livelli tagħha ta' profittabbiltà. Bħala eżempju ieħor wieħed jista' jsemmi l-fatt li bejn l-2008 u l-PI, kien hemm żieda żgħira fis-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni filwaqt li l-profitabbiltà tagħha waqgħet u rreġistrat telf gravi ta' 15 %. Madankollu, tul l-istess perjodu, l-importazzjonijiet mir-RPĊ li huma l-oġġett ta' dumping irnexxielhom iżidu s-sehem tagħhom mis-suq filwaqt li fil-parti l-kbira tagħhom baqgħu jsiru bi prezzijiet tal-bejgħ inqas milli kien hawn fl-Unjoni. Dan wassal għat-telf kbir li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni. Fil-fatt, iż-żewġ każijiet juru li indikatur separat wieħed jew tnejn ma jistgħux jiġu kkunsidrati weħidhom meta wieħed ikejjel l-effett tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping fuq il-qagħda tal-industrija tal-Unjoni.
- (96) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, qed jiġi konkluż b'mod provviżorju li l-importazzjonijiet bi prezz baxx mir-RPĊ li huma l-oġġett ta' dumping, li daħlu fis-suq tal-Unjoni b'volumi kbar, li qed jiżdiedu b'mod kostanti u li matul il-perjodu kkunsidrat kollu kienu qed jitwettqu bi prezzijiet sinifikantement inqas minn dawk tal-industrija tal-Unjoni, ħallew impatt konsiderevolment negattiv fuq il-qagħda ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

### 3. L-effett ta' fatturi oħra

#### 3.1. L-importazzjoni minn pajjiżi terzi

- (97) Matul il-perjodu kkunsidrat, l-importazzjoni minn pajjiżi terzi oħra kienet limitata. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet li joriġinaw minn pajjiżi oħra għajr ir-RPĊ tnaqqas b'2 punti perċentwali, minn 17 % għal 15 %. It-tieni l-akbar sors ta' importazzjoni, in-Norveġja, kellu sehem mis-suq ta' 3,3 % matul il-PI. It-Turkija kellha sehem mis-suq ta' 2,5 % matul il-PI, u r-raba' l-akbar sors ta' importazzjoni, l-Istati Uniti, kellu sehem mis-suq ta' inqas minn 2 % matul il-PI.

Tabella 17

L-importazzjoni minn pajjiżi oħra					
Pajjiż		2006	2007	2008	PI
In-Norveġja	Volum (tunnellati)	34 990	28 834	35 410	24 993
	Sehem mis-suq (%)	3,6 %	2,8 %	3,4 %	3,3 %
	Prezz medju (EUR)	1 254	1 412	1 360	1 256
It-Turkija	Volum (tunnellati)	28 981	25 035	20 658	18 874
	Sehem mis-suq (%)	2,9 %	2,4 %	2,0 %	2,5 %
	Prezz medju (EUR)	1 097	1 155	1 202	1 077
L-Istati Uniti	Volum (tunnellati)	22 921	24 246	20 447	13 569
	Sehem mis-suq (%)	2,3 %	2,3 %	2,0 %	1,8 %
	Prezz medju (EUR)	2 309	2 101	2 506	2 615
Il-Malasja	Volum (tunnellati)	9 541	25 569	35 200	12 601
	Sehem mis-suq (%)	1,0 %	2,5 %	3,4 %	1,7 %
	Prezz medju (EUR)	979	1 019	1 022	1 025
It-Tajwan	Volum (tunnellati)	19 318	18 150	14 655	11 285
	Sehem mis-suq (%)	2,0 %	1,7 %	1,4 %	1,5 %
	Prezz medju (EUR)	1 193	1 146	1 069	975
L-Indja	Volum (tunnellati)	4 365	11 231	3 757	5 361
	Sehem mis-suq (%)	0,4 %	1,1 %	0,4 %	0,7 %
	Prezz medju (EUR)	1 308	1 232	1 315	1 240
Ir-Repubblika tal-Korea	Volum (tunnellati)	7 959	5 974	13 934	5 116
	Sehem mis-suq (%)	0,8 %	0,6 %	1,3 %	0,7 %
	Prezz medju (EUR)	1 430	1 607	894	1 004
Il-Ġappun	Volum (tunnellati)	21 671	10 727	11 174	4 609
	Sehem mis-suq (%)	2,2 %	1,0 %	1,1 %	0,6 %
	Prezz medju (EUR)	1 197	1 315	1 401	1 804
Il-Messiku	Volum (tunnellati)	4 894	9 713	7 226	3 689
	Sehem mis-suq (%)	0,5 %	0,9 %	0,7 %	0,5 %
	Prezz medju (EUR)	1 488	1 204	1 289	1 359
Il-Kanada	Volum (tunnellati)	4 136	3 309	2 196	2 244
	Sehem mis-suq (%)	0,4 %	0,3 %	0,2 %	0,3 %
	Prezz medju (EUR)	1 303	2 025	1 761	2 146
Pajjiżi oħra	Volum (tunnellati)	8 954	14 848	8 519	9 227
	Sehem mis-suq (%)	0,9 %	1,4 %	0,8 %	1,2 %
	Prezz medju (EUR)	1 517	1 527	1 891	1 615

- (98) Kif diġà ġie spjegat fil-qosor fil-premessa (63), it-Tabella ta' hawn fuq, li hija bbażata fuq dejta tal-Ewrostat, turi wkoll li l-livelli medji tal-prezzijiet fil-fruntiera tal-Unjoni ta' importazzjonijiet oħra huma ħafna ogħla mill-prezzijiet tal-importazzjonijiet li joriġinaw mir-RPĊ. Mill-paragun bejn dawn il-prezzijiet tal-Ewrostat u l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni, kif irrappurtati fil-premessa (74) ta' hawn fuq, deher li matul il-PI, l-importazzjonijiet mit-Turkija kienu qed jitwettqu bi prezzijiet aktar baxxi minn dawg tal-industrija tal-Unjoni. Madankollu, fil-PI, l-importazzjonijiet mit-Turkija rrappreżentaw sehem mis-suq ta' 2,5 % biss, jiġifieri inqas mis-sehem tagħhom mis-suq fl-2006. Barra minn hekk, il-prezzijiet ta' dawn l-importazzjonijiet, b'mod kostanti, kienu fil-parti l-kbira minnhom ogħla mil-livelli tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ, jiġifieri kienu jaqbżu lil dawn tal-aħħar b'ammont li jvarja minn 14 % sa 23 %. Jidher li anki l-importazzjonijiet mill-Malasja, it-Tajwan, u r-Repubblika tal-Korea ma jilhqax il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, iżda s-sehem tagħhom mis-suq huwa limitat u saħansitra qed jonqos. Għaldaqstant, ma tqiesx li importazzjonijiet mit-Turkija, il-Malasja, it-Tajwan u r-Repubblika tal-Korea, jew minn kwalunkwe pajjiż terz ieħor, kellhom impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Għal dawn ir-raġunijiet, hija raġonevoli l-konklużjoni provviżorja li l-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra ma kkanċellawx ir-rabta kawżali bejn is-sejba ta' dumping u d-dannu materjali li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni.
- 3.2. L-impatt tal-kriżi ekonomika
- (99) Diversi partijiet sostnew li d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni kien ikkawżat mill-kriżi ekonomika li kienet irriżultat f'waqgħa f'daqqa tad-domanda.
- (100) Fil-fatt, kif imsemmi fil-premessa (60) ta' hawn fuq, wieħed seta' josserva waqgħa qawwija fil-konsum tal-Unjoni bejn l-2008 u l-PI. Dan it-tnaqqis ammonta għal 28 %, u huwa rrikonoxxut li huwa kkawżat mill-kriżi ekonomika li laqtet lill-Unjoni matul dak il-perjodu. Il-parti l-kbira tas-setturi li jużaw prodotti li fihom il-prodott taħt l-investigazzjoni (l-industrija tal-karozzi, l-enerġija mir-riħ, il-kostruzzjoni, eċċ.) kienu affettwati serjament mill-kriżi, u fil-bidu tal-katina, dan wassal għal tnaqqis fid-domanda għal fibri tal-ħġieġ.
- (101) Madankollu, l-effett negattiv tat-tnaqqis ekonomiku u tattikkin tad-domanda tqawwa miż-żieda fil-importazzjonijiet mir-RPĊ li kienu l-oġġett ta' dumping u li kienu qed isiru bi prezzijiet sinifikament inqas minn dawg tal-industrija tal-Unjoni. Għaldaqstant, anki jekk it-tnaqqis ekonomiku jista' jitqies li qed jikkontribwixxi lejn id-dannu mġarrab matul il-PI, dan il-fatt bl-ebda mod ma jista' jnaqqas l-effetti dannużi tal-ħsara kkawżata matul il-perjodu kkunsidrat kollu mill-importazzjonijiet bi prezzijiet baxxi fis-suq tal-Unjoni mir-RPĊ li huma l-oġġett ta' dumping. Saħansitra fsitwazzjoni ta' tnaqqis fil-bejgħ, l-industrija tal-Unjoni setgħet tkun kapaċi żżomm livell aċċettabbli ta' volumi u prezzijiet u b'hekk tillimita l-effetti negattivi ta' tnaqqis fil-konsum. Madankollu, dan kien ikun possibbli biss fl-assenza tal-kompetizzjoni inġusta mill-importazzjonijiet bi prezzijiet baxxi fis-suq li huma l-oġġett ta' dumping. Barra minn hekk, l-impatt tal-importazzjonijiet Ċiniżi matul il-PI li kienu l-oġġett ta' dumping u li fil-parti l-kbira tagħhom kienu qed jitwettqu bi prezzijiet aktar baxxi mill-prezzijiet tal-bejgħ tal-Unjoni jista' jitqies saħansitra aktar dannuż waqt perjodu ta' kriżi ekonomika.
- (102) Fid-dawl taċ-ċirkostanzi deskritti hawn fuq, it-tnaqqis ekonomiku ma jistax jitqies bħala kawża possibbli li tista' tikkancelła r-rabta kawżali bejn id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni u l-importazzjonijiet mir-RPĊ li kienu l-oġġett ta' dumping.
- 3.3. L-evoluzzjoni tal-volum tal-importazzjonijiet Ċiniżi u l-qagħda finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni
- (103) Ċerti partijiet interessati sostnew li ma kien hemm l-ebda rabta bejn l-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping u l-qagħda finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni ladarba din tal-aħħar laqget l-ogħla rati tagħha ta' profitabbiltà fis-snin meta l-importazzjonijiet mir-RPĊ tal-prodott ikkonċernat kienu fl-aqwa tagħhom u wriet l-aġħar prestazzjoni tagħha meta l-importazzjonijiet mir-RPĊ niżlu għall-aktar livell baxx tagħhom tul il-perjodu kkunsidrat.
- (104) F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, għandu jiġi nnutat li minħabba l-karattru globali tal-kriżi, l-iżvilupp tal-konsum, u b'mod partikolari t-tnaqqis ekonomiku matul il-PI, bla dubju ta' xejn kellu effett kemm fuq il-volum tal-importazzjonijiet mir-RPĊ u kemm fuq il-qagħda finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni.
- (105) Madankollu, kif diġà ntqal hawn fuq, fil-PI, jiġifieri matul it-tnaqqis ekonomiku, l-importazzjonijiet mir-RPĊ li kienu l-oġġett ta' dumping fil-parti l-kbira tagħhom kienu qed isiru bi prezzijiet aktar baxxi mill-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni. Dan ġie aggravat mill-fatt li l-produtturi esportaturi mir-RPĊ, saħansitra f'perjodu ta' tnaqqis ekonomiku rnextielhom iżidu f'it aktar is-sehem tagħhom mis-suq filwaqt li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet telf gravi peress li ma kinitx f'pozzjoni tbiġħ bi prezzijiet li kienu aktar ta' ġid għaliha.
- (106) Fil-fatt, jista' jitqies li l-bejgħ imsemmi bi prezzijiet aktar baxxi, flimkien maż-żieda fis-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mir-RPĊ li huma l-oġġett ta' dumping, ikkawża dannu saħansitra akbar lill-industrija tal-Unjoni milli dak li kien ikun ikkawżat f'perjodu mingħajr il-volatilità fil-konsum li tnaqqis ekonomiku jaf joħloq.
- (107) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, bl-ebda mod ma jista' jiġi konkluż li l-paragun bejn ix-xejriet sempliċi tal-volumi tal-importazzjonijiet mir-RPĊ li kienu l-oġġett ta' dumping u l-prestazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni jista' jiġi interpretat bħala fattur li jikkancelła r-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

- 3.4. Tnaqqis fil-bejgħ li sar mill-industrija tal-Unjoni għal skopijiet ta' esportazzjoni u/jew għal użu vinkolanti
- (108) Minn ċerti partijiet interessati ġie allegat li d-deterjorament tal-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni ġie kkawżat aktar mit-tnaqqis tal-bejgħ għal skopijiet ta' esportazzjoni jew mit-tnaqqis tal-produzzjoni għal użu vinkolanti milli mit-tnaqqis tal-bejgħ tagħha fi ħdan l-Unjoni. F'dan ir-rigward, l-ewwel nett wieħed għandu jiftakar li, bl-eċċezzjoni tal-volumi tal-bejgħ, l-indikaturi kollha tad-dannu, inkluża l-profittabbiltà, ġew ivvalutati abbażi tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni lil partijiet mhux relatati. Fi kliem ieħor, kemm il-bejgħ għal skopijiet ta' esportazzjoni u kemm il-bejgħ għal użu vinkolanti ġew esklużi minn dak il-kalkolu. It-tieni, huwa minnu li l-volumi tal-bejgħ għal skopijiet ta' esportazzjoni tnaqqsu b'pass naqra aktar mgħaġġel mill-bejgħ fi ħdan l-Unjoni, iżda dan ma japplikax fil-każ tal-produzzjoni maħsuba għal użu vinkolanti, li matul il-perjodu kkunsidrat kollu, irrappreżentat bejn 22,4 % u 24,4 % tal-bejgħ totali fi ħdan l-Unjoni. Barra minn hekk, fid-dawl tal-importanza limitata tal-bejgħ għal skopijiet ta' esportazzjoni meta mqabbel mal-bejgħ li sar mill-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-UE (kien qed ivarja bejn 10 % u 14 % tul il-perjodu kkunsidrat kollu), dan il-bejgħ ma jistax jitqies bħala sinifikanti fis-sens li jkun jista' jqiegħed f'dubju r-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u l-impatt fuq l-industrija tal-Unjoni. Għaldaqstant, dan l-argument qed jiġi eliminat.

### 3.5. Iż-żieda fil-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni u fl-ispejjeż tal-produzzjoni

- (109) Waħda mill-partijiet interessati qajmet l-argument li d-deterjorament tal-qagħda tal-industrija tal-Unjoni Ewropea kien dovut għal deċiżjoni żbaljata favur żieda fil-kapaċitajiet. F'dan ir-rigward, għandu jissema l-ewwel li għal ċertu ammont ta' snin, is-suq tal-fibri tal-ħġieġ kien suq li kien qed jikber u li f'sitwazzjoni ta' żieda fil-konsum, id-deċiżjoni favur tkabbir tal-kapaċità ta' ċerti impjanti ma tistax titqies bħala ppjanar tan-negozju mhux raġonevoli. Barra minn hekk, għandu jiġi nnutat li fl-intier tagħha, fir-realtà, il-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni naqset matul il-perjodu kkunsidrat (ara l-premessa (68) ta' hawn fuq).
- (110) F'kull każ, ta' min wieħed jinnota li l-industrija tal-Unjoni rnexxielha tnaqqas l-ispiża tal-materja prima ewlenija għal kull unità minkejja ż-żieda li kien hemm fil-prezzijiet tax-xiri tal-materja prima matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 18

L-ispejjeż tal-materja prima inġenerali u għal kull unità prodotta tal-fibri tal-ħġieġ

	2006	2007	2008	PI
Prezz/tunnellata materja prima (*)	100	106	104	102
L-ispejjeż tal-materja prima/tunnellata fibri tal-ħġieġ (*)	100	99	97	94

(\*) indijati

- (111) L-iżvilupp muri hawn fuq tal-ispejjeż tal-materja prima għal kull unità mmanifatturata tal-fibri tal-ħtieġ kien dovut għal investimenti mmirati għal żieda fl-effiċjenza u l-kompetittività. Fil-fatt, matul il-perjodu kkunsidrat, l-industrija tal-Unjoni implimentat diversi miżuri għat-tisħiħ u r-razzjonalizzazzjoni tal-proċessi u l-ispejjeż tal-produzzjoni.
- (112) Fejn jidħlu l-ispejjeż tax-xogħol, kif diġà ntqal fil-premessi minn (75) sa (77) ta' hawn fuq, l-industrija tal-Unjoni naqset in-numru tal-impjegati tagħha b'20 % matul il-perjodu kkunsidrat filwaqt li l-paga medja hija mnaqqsa saħansitra jekk wieħed ma jeskludix l-impatt ta' kumpensi mdaqqsa għat-terminazzjoni tal-impjeg.
- (113) Għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, l-argument li jsostni li d-deterjorament fil-qagħda tal-industrija tal-Unjoni fir-realtà kien ikkawżat mill-ispejjeż miżjuda tal-produzzjoni, possibbilment dovuti għal nuqqas ta' effiċjenza jew spejjeż għoljin tax-xogħol, qed jiġi eliminat.

### 3.6. Il-kompetittività tal-importazzjonijiet mir-RPĊ li huma l-oġġett ta' dumping u d-dannu kkawżat lilhom infushom minn produttori Ċinzi relatati magħhom

- (114) Ġie sostnut li d-dannu aktar ġie kkawżat mill-iskala ta' produzzjoni u t-teknoloġija moderna applikata mill-esportaturi Ċinzi milli mid-dumping tal-prodott taħt l-investigazzjoni. Fir-realtà, kollox ma' kollox, jista' jintwera li anki l-produtturi tal-Unjoni għandhom produzzjoni fuq skala kbira kif ukoll proċessi avvanzati ta' produzzjoni.
- (115) Parti interessata stqarret li jista' jkun li l-industrija tal-Unjoni kkawżat dannu lilha nnifisha permezz tal-importazzjoni mill-produtturi Ċinzi relatati magħha. F'dan il-kuntest għandu jiġi nnutat li, kif intqal fil-premessa (58) ta' hawn fuq, il-volum ta' tali importazzjonijiet kien limitat ħafna f'relazzjoni kemm mal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni u kemm mal-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ.
- (116) Għaldaqstant, la n-nuqqas ta' kompetittività u lanqas l-importazzjoni minn produttori Ċinzi relatati ma jistgħu jitqiesu bħala fattur li jikkawża r-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet mir-RPĊ li huma l-oġġett ta' dumping u d-dannu stabbilit.

## 4. Konklużjoni dwar il-kawżalità

- (117) Bħala konklużjoni, l-analiżi ta' hawn fuq uriet li tul il-perjodu kkunsidrat, l-importazzjoni ta' fibri tal-ħġieġ mir-RPĊ żdiedet sostanzjalment fir-rigward tal-kwantitajiet u kkawżat erożjoni gradwali tas-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-kwantitajiet miżjuda li daħlu fis-suq tal-Unjoni bi prezzijiet li kienu l-oġġett ta' dumping, kienu kkaratterizzati minn differenza serja mill-prezzijiet ogħla minnhom tal-industrija tal-Unjoni u b'hekk ma ħallewhiex tgħaddi lill-konsumaturi ż-żieda fl-ispejjeż tal-materja prima. Minkejja li għal ċertu perjodu ta' żmien, l-industrija tal-Unjoni kienet f'pożizzjoni tikkumpensa l-effetti negattivi ta' din il-pressjoni bi qligħ mill-operat milħuq bis-saħħa tal-effiċjenza, dan ma kienx possibbli iżjed meta l-kriżi ekonomika naqset sostanzjalment il-livell tad-domanda.

- (118) Ġew analizzati wkoll fatturi oħra li setgħu jikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, instab li l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, l-impatt tal-kriżi ekonomika, l-iżvilupp tal-bejgħ l-ieħor magħmul mill-industrija tal-Unjoni, u fatturi oħra, inklużi dawk imsemmija fil-premessi minn (97) sa (116) ta' hawn fuq, ma jidhrux ta' tali natura li jħassru r-rabta kawżali stabbilita bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.
- (119) Abbażi tal-analiżi ta' hawn fuq, li ddistingwiet kif xieraq bejn il-fatturi kollha magħrufa li jħallu effett fuq il-qagħda tal-industrija tal-Unjoni u sseparat l-impatt tagħhom mill-effett dannuż tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping, qed jiġi konkluż b'mod provviżorju li l-importazzjonijiet mir-RPĊ kkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku.
- (124) – 15,0 % filwaqt li s-sehem tagħha mis-suq naqas b'5,6 punti perċentwali.
- (124) Jekk ikunu imposti miżuri, huwa mistenni li t-tnaqqis tal-prezzijiet u t-telf tas-sehem mis-suq se jaslu fi tmiemhom u li l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni se jibdeu jirkupraw u se jaslu biex itejbu b'mod sinifikanti l-qagħda finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni.
- (125) Min-naħa l-oħra, huwa probabbli li l-qagħda tas-suq u dik finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni se tkompli tiħżien fil-każ li ma jiġux imposti miżuri anti-dumping. F'xenarju bħal dan, huwa mistenni li l-industrija tal-Unjoni se tiflew aktar mis-sehem mis-suq u mhux se tkun f'pożizzjoni iżjed li timxi mal-prezzijiet tas-suq stabbiliti mill-importazzjonijiet mir-RPĊ. L-effett ta' dan x'aktarx ikun aktar tnaqqis fil-produzzjoni u fl-investimenti u l-għeluq ta' aktar faċilitajiet ta' produzzjoni fl-Unjoni, u dan jirriżulta fit-telf ta'ammont kbir ta' impjegji.

## F. L-INTERESS TAL-UNJONI

- (120) F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk, minkejja l-konklużjonijiet dwar id-dumping, id-dannu u l-kawżalità, kinux jeżistu raġunijiet kostrinġenti li jwasslu għall-konklużjoni li mhuwiex fl-interess tal-Unjoni li tadotta miżuri f'dan il-każ partikolari. Għal dan l-iskop u f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni qieset l-impatt mistenni tal-miżuri possibbli fuq il-partijiet kollha involuti kif ukoll il-konsegwenzi mistennija fil-każ li ma jittiddux miżuri.
- (121) Il-Kummissjoni baġtet kwestjonarji lil importaturi indipendenti u utenti. Bħala total, intbagħtu 60 kwestjonarju. Eventwalment, żewġ importaturi u 13-il utent ppreżentaw kwestjonarju mwieġeb fil-limiti ta' żmien stabbiliti. B'żieda ma' dan, matul il-proċediment, diversi importaturi u utenti esprimew fehmithom permezz ta' ittri billi oġġezzjonaw għal kwalunkwe miżuri possibbli f'dan il-każ.

### 1. L-interess tal-industrija tal-Unjoni

- (122) Kif indikat fil-premessa (56), il-prodott simili kien qed jiġi mmanifatturat minn 11-il produttur fl-Unjoni. It-tmien ilmentaturi kienu jirrappreżentaw aktar minn 90 % tal-produzzjoni tal-Unjoni; tnejn oħra appoġġjaw l-ilment filwaqt li l-11-il kumpanija la appoġġjatu u lanqas opponietu.
- (123) It-tliet kumpaniji tal-kampjun, li kienu jikkorrispondu għal madwar 60 % tal-produzzjoni tal-Unjoni, kienu jimpjegaw 3 300 persuna direttament involuta fil-produzzjoni, fil-bejgħ u fl-amministrazzjoni tal-prodott simili. Ta' min wieħed ifakkar li l-indikaturi tad-dannu wrew xejra ġeneralment negattiva u li, b'mod partikolari, l-indikaturi tad-dannu relatati mas-sehem mis-suq u l-prestazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni, bħalma huma huma l-profittabbiltà, ir-redditu fuq l-investment u l-likwidità, kienu affettwati serjament. Partikolarment matul il-perjodu kkunsidrat, il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni mill-livell diġà baxx ħafna ta' 0,3 % niżlet għal

### 2. L-interess tal-importaturi mhux relatati fl-Unjoni

- (126) Għal din ir-raġuni qed jiġi konkluż b'mod provviżorju li l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping tkun ċarament fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.
- (127) Bħalma ġie indikat hawn fuq, ma ttiħidx kampjun fil-każ tal-importaturi mhux relatati, u żewġ importaturi mhux relatati kkoperaw bis-sħiħ f'din l-investigazzjoni billi ppreżentaw kwestjonarju mwieġeb. Parti żgħira biss mill-fatturat ta' dawn iż-żewġ importaturi (7 % u 25 % rispettivament) kienet iġġenerata permezz tal-attivitajiet tagħhom b'rabta mal-prodott ikkonċernat li joriġina mir-RPĊ. It-tnejn opponew l-impożizzjoni eventwali ta' miżuri anti-dumping billi qiesu li din setgħet twassal għal waqfien tal-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ.
- (128) Iżda l-importazzjonijiet iddikjarati minn dawn iż-żewġ importaturi rrappreżentaw proporzjon żgħir ħafna mit-total tal-importazzjonijiet mir-RPĊ fil-PI (inqas minn 1 %). L-ebda importaturi oħra ma kkoperaw billi ppreżentaw kwestjonarju mwieġeb jew kummenti ssostanzjati. Abbażi ta' dan, qed jiġi konkluż b'mod provviżorju li l-impożizzjoni ta' miżuri provviżorji mhux se tħalli effetti negattivi fi grad sinifikanti fuq l-interess tal-importaturi tal-UE.

### 3. L-interess tal-utenti

- (129) Il-fibri tal-ħġieġ tal-filament li huma suġġetti għal dan il-proċediment qed jintużaw għal għadd kbir ta' applikazzjonijiet. Intlaħqet koperazzjoni mil-lat tal-gruppi li ġejjin ta' utenti: nissieġa (kemm ta' tessuti avanzati għall-ispeċjalisti u kemm ta' tessuti aktar standard, pereżempju għat-turbini tar-riħ, it-trasport bil-baħar, l-ajruspazju, u applikazzjonijiet infrastrutturali); produtturi ta' inforor; manifatturi ta' materjali komposti użati, fost oħrajn, mill-industrija tal-karozzi; produtturi ta' prodotti nofshom lesti jew prodotti finali magħmula minn materjali komposti.

- (130) Il-volumi tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ li jinxtrow mill-utenti li kienu f'koperazzjoni jirrappreżentaw madwar 20 % tal-importazzjonijiet ta' fibri tal-ħġieġ mir-RPĊ matul il-PI. Barra minn hekk, l-informazzjoni ppreżentata permezz tal-kwestjonarju turi li l-industrija tal-utenti tal-Unjoni timpjega numru sinifikanti ta' persuni. Għalkemm f'dan ir-rigward, f'dan l-istadju, ma tressqix dejta komprensiva u ssostanzjata, wieħed jista' jikkalkula, b'mod provviżorju, li n-numru ta' persuni li jaħdmu mal-industrija *downstream* tal-UE jammonta għal 50 000 – 75 000, abbażi tal-informazzjoni inkluża fir-risposti għall-kwestjonarju. Fuq l-istess bażi, wieħed jista' jikkalkula li l-impjegi tat-taqsimiet ta' dawk il-kumpaniji li jużaw fibri tal-ħġieġ u li matul il-PI użaw fibri tal-ħġieġ miċ-Ċina jammontaw għal madwar 27 000.
- (131) Il-parti l-kbira tal-utenti li kienu f'koperazzjoni rrapportaw li jixtru fibri tal-ħġieġ kemm minn sorsi Ċiniżi u kemm minn sorsi oħra, inklużi produtturi Ewropej. Ftit biss minnhom kienu jixtru l-fibri tagħhom tal-ħġieġ esklussivament mir-RPĊ. Dan is-settur fih mhux biss firxa wiesgħa ta' attivitajiet tal-industrija *downstream*, iżda d-daqs ta' dawn il-kumpaniji jista' wkoll ivarja b'mod sinifikanti – u xi wħud minnhom jiffurmaw parti minn gruppi akbar ta' kumpaniji li joperaw internazzjonalment filwaqt li oħrajn huma għalkollox indipendenti.
- 3.1. L-impatti possibbli tal-miżuri fuq il-profittabbiltà tal-utenti
- (132) Mir-risposti għall-kwestjonarju jidher li l-industrija tal-utenti tal-fibri tal-ħġieġ tinsab fi stat relattivament b'saħħtu. Fil-fatt, il-parti l-kbira tal-utenti koperanti rrapportaw qligħ mill-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodotti tagħhom li fihom il-prodott taħt l-investigazzjoni għall-perjodu kkunsidrat kollu, inkluża l-PI. Madankollu, għadd żgħir ta' utenti rrapportaw telf minn din l-attività tul il-PI għalkemm il-qligħ ta' diversi kumpaniji oħrajn kien tal-livell ta' bejn 5 % u 10 %.
- (133) Ġeneralment, l-ispejjeż tax-xiri tal-fibri tal-ħġieġ jirrappreżentaw parti sinifikanti mill-ispejjeż tal-manifattura tal-prodotti tal-industrija tal-utenti. Skont id-dejta rrapportata, dan il-porzjon jista' jvarja bejn 10 % u aktar minn 50 %, skont il-prodott immanifatturat minnhom. Għaldaqstant, għal ċerti utenti, żieda fl-ispejjeż tax-xiri tal-fibri tal-ħġieġ miċ-Ċina jista' jkollha impatt konsiderevoli fuq l-ispejjeż.
- (134) Skont l-informazzjoni inkluża fir-risposti tal-utenti koperanti għall-kwestjonarju, bħala medja, l-impatt possibbli, fuq il-qligħ, tal-miżuri anti-dumping jista' jiġi smat madwar 1 % tal-fatturat ta' dawk it-taqsimiet tal-kumpaniji utenti li jużaw fibri tal-ħġieġ, iżda inqas minn 0,5 % tal-fatturat tal-kumpaniji b'taqsimiet li jużaw fibri tal-ħġieġ fl-intier tagħhom. Fi kliem ieħor, il-profittabbiltà ta' taqsima li tuża fibri tal-ħġieġ, u ta' kumpanija sħiħa, kienet tkun affettwata, bħala medja, b'madwar punt perċentwali u inqas minn nofs punt perċentwali rispettivament.
- (135) Ta' min wieħed jinnota però li fil-każijiet ta' ċerti kumpaniji utenti, l-impatt imsemmi hawn fuq jista' jkun akbar, sa madwar 5 % tal-fatturat tal-kumpanija. Fid-dawl tal-livelli ta' qligħ ta' ċerti utenti u s-sehem tal-fibri tal-ħġieġ mill-ispejjeż tagħhom tal-produzzjoni, ma jistax jiġi eskluż li l-profittabbiltà tagħhom tista' tkun affettwata minn żieda qawwiya fil-prezz tal-fibri tal-ħġieġ sakemm tali żieda ma tkunx tista' tiġi trasferita lill-klijenti jew kollha kemm hi jew mill-inqas parti kbira minnha.
- (136) Kollox ma' kollox, jista' jiġi konkluż b'mod provviżorju li, filwaqt li jista' jkun li xi kumpaniji utenti jkunu affettwati aktar mill-impatt possibbli tal-impożizzjoni tal-miżuri anti-dumping, l-impatt fuq utenti oħra x'aktarx se jkun wieħed moderat.
- 3.2. Nuqqas ta' interkambjabbiltà
- (137) Ġie sostnut minn diversi utenti li ħafna mill-fibri tal-ħtieġ neċessarji għall-industriji tal-utenti ma jistgħux jinxtrow bil-lest. Minflok, jeħtieġ li l-fornituri jgħaddu minn proċess ta' kwalifikazzjoni fit-tul u kkumplikat, li jista' jdum bejn sitt xhur u 12-il xahar, mingħajr garanzija ta' suċċess. Għaldaqstant, li wieħed ibiddel fornitur bil-għan li jevita l-ħlas ta' dazji anti-dumping kien ikun kostuż, impossibbli fuq medda qasira ta' żmien, u riskjuż mill-aspett teknoloġiku.
- (138) F'dan ir-rigward, huwa rrikonoxxut li f'applikazzjonijiet partikolari, il-karatteristiċi tal-prodott taħt l-investigazzjoni jista' jkun li jwasslu għal proċess ta' kwalifikazzjoni fit-tul li jinkludi t-testjar. Madankollu, fid-dawl anki tal-kummenti li waslu mingħand diversi utenti, jidher li fil-parti l-kbira tal-każijiet huma disponibbli sorsi multipli. Ta' min wieħed jiftakar li l-miżuri anti-dumping mhumiex intiżi biex iċaħħdu ċerti fornituri mill-aċċess għas-suq tal-Unjoni ladarba kwalunkwe miżura hija maħsuba biss sabiex treġġa' lura l-kummerċ ġust u biex tikkorieġi sitwazzjoni ta' tagħwiġ li hemm fis-suq.
- (139) Għaldaqstant, qed jiġi konkluż b'mod provviżorju li l-impożizzjoni ta' miżuri fuq il-fibri tal-ħġieġ miċ-Ċina x'aktarx mhux se tirriżulta ħlief f'waqfien temporanju tal-provvista ta' materjal mhux maħdum lill-industrija tal-utenti.
- 3.3. Nuqqas ta' possibbiltà li wieħed jgħaddi lill-konsumatur iż-żidiet fil-prezzijiet u żieda fil-kompetizzjoni minn prodotti *downstream* minn pajjiżi mhux membri tal-UE
- (140) Diversi utenti ressqu l-kumment li ma kinux ikunu f'pożizzjoni jgħaddu lill-konsumaturi tal-prodotti tagħhom iż-żidiet fil-prezzijiet tal-fibri tal-ħġieġ. Dawn l-utenti semmew li kien hemm kompetizzjoni ħarxa fis-swieq tal-prodotti tagħhom u li l-klijenti tagħhom kienu jibdlu l-fornitur faċilment kieku huma jżidu l-prezzijiet.



- (141) Minħabba d-diversità tal-kumpaniji tal-utenti huwa diffiċli biex wieħed jivvaluta b'mod ġenerali l-possibbiltà tal-utenti li jgħaddu lill-klijenti tagħhom żidiet potenzjali fil-prezzijiet tax-xiri. Madankollu, abbażi tad-dejta inkluża fir-risposti tal-utenti għall-kwestjonarju, wieħed jista' jassumi li anki fil-każ li ċertu utent individwali ma jkunx jista' jgħaddi lill-klijenti porzjon kbir miż-żieda fil-prezzijiet tax-xiri li jkun ġarrab hu, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet dan se jaffettwa l-fatturat u l-profittabbiltà tiegħu b'mod limitat biss.
- (142) Fejn tidħol il-kompetizzjoni, diversi utenti esprimew ukoll it-tħassib tagħhom dwar il-fatt li l-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping kienet se twassal għal żieda fil-kompetizzjoni fis-suq *downstream* mingħand il-fornituri mill-pajjiżi mhux membri tal-UE peress li l-prodotti *downstream* ma jkunu suġġetti għall-ebda miżuri protettivi, u l-bidla fl-importazzjonijiet mir-RPĊ mill-fibri tal-ħġieġ għal prodotti *downstream* bħalma huma l-materjali komposti, it-tessuti u l-paletti komposti għat-turbini tar-riħ. Fil-fatt, fejn tidħol ir-RPĊ, tressaq il-kumment li kien hemm diġà kompetizzjoni mir-RPĊ f'ħafna minn dawn is-swieq u li kien loġikament mistenni li l-kompetizzjoni se tiżdied bis-saħħa tal-impożizzjoni ta' miżuri kontra l-fibri tal-ħġieġ. B'hekk, skont l-argument imqajjem, l-industrija tal-utenti mhux biss ikollha tħallas prezzijiet oġhla għall-fibri tagħha tal-ħġieġ, iżda jkollha tiffaċċja wkoll żieda fil-kompetizzjoni. Skont l-istess argument, f'ambjent kummerċjali bħal dan, ma kienx ikun possibbli li wieħed jgħaddi lill-konsumaturi parti sinifikanti minn kwalunkwe żieda fil-prezzijiet.
- (143) F'dan ir-rigward, ta' min wieħed jinnota li l-fatt li l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping tista' twassal għal aktar kompetizzjoni ma jstax jitqies bħala raġuni kontra l-impożizzjoni ta' tali miżuri, jekk ikunu ġustifikati. L-industrija Ewropea tal-utenti tal-fibri tal-ħġieġ tgawdi mill-istess drittijiet bħall-industrija tal-manifattura tal-fibri tal-ħġieġ u għandha kull dritt tirrikorri għal-liġi tal-kummerċ tal-UE u titlob investigazzjoni anti-dumping fir-rigward tal-prodotti tagħha jekk ikollha interess ġuridiku u tkun f'pożizzjoni tippreżenta evidenza *prima facie* dwar dumping dannuż.
- (144) Għaldaqstant, l-argument ta' hawn fuq dwar żieda potenzjali fil-kompetizzjoni minn prodotti *downstream* minn pajjiżi mhux membri tal-UE ma jstax jiġġustifika nuqqas ta' impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping.
- 3.4. Nuqqas ta' provvisti
- (145) Diversi utenti ppreżentaw l-argument li wara l-PI, kien hemm diġà nuqqas ta' provvista fis-suq tal-Unjoni u li l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping kieku taggrava s-sitwazzjoni peress li kienet twassal għal tnaqqis fl-importazzjonijiet mir-RPĊ filwaqt li dawn l-importazzjonijiet huma meħtieġa fid-dawl dad-domanda qawwiya u dejjem tikber.
- (146) L-ilmentaturi għarfu li kien hemm ċerta diffikultà biex wieħed isib provvisti ta' ċerti gruppi ta' prodotti mmanifatturati mill-industrija tal-Unjoni, iżda huma qisuha temporanja u dovuta għal nuqqas ta' ħażniet b'riżultat tal-irkupru tas-suq wara l-kriżi ekonomika. Ippreżentaw ukoll l-argument li, kieku jergħu jmorru lura għal-livelli b'saħħithom ta' profittabbiltà, kieku l-industrija tal-Unjoni tkun f'pożizzjoni tiffaċċja ż-żieda mbassra fid-domanda mil-lat tal-industrija *downstream* tal-UE, b'mod partikolari bl-użu tal-kapaċitajiet mhux utilizzati tagħha, li jistgħu jergħu jibdeu jiġu utilizzati faċilment, ta' aktar titjib fit-teknoloġija u ta' bini mill-ġdid ta' kalkari.
- (147) F'dan ir-rigward, ta' min wieħed l-ewwel jinnota li l-għan tal-miżuri anti-dumping huwa li jinstab rimedju għall-prattiki inġusti tal-kummerċ li jħallu effett dannuż fuq l-industrija tal-Unjoni kif ukoll li tiġi stabbilita mill-ġdid sitwazzjoni ta' kompetizzjoni effettiva fis-suq tal-UE, biex ma tkunx imfikkla l-importazzjoni. Għaldaqstant, minkejja li huwa probabbli ħafna li l-livelli tal-prezzijiet fl-UE tal-prodott ikkonċernat li joriġina mir-RPĊ se jiżdiedu wara l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping, il-miżuri kif proposti mhumiex tali li se jagħlqu s-suq tal-Unjoni għall-produtturi esportaturi mir-RPĊ, u b'hekk se jippermettu l-preżenza kontinwa tal-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ għas-suq tal-Unjoni.
- (148) Fejn tidħol il-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni li tissupplimenta kwalunkwe nuqqas potenzjali ta' provvisti ta' fibri tal-ħġieġ Ċiniżi, ta' min wieħed jinnota li l-livell attwali tal-utilizzazzjoni tal-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni jidher li jiżgura li tista' tintlaħaq bis-sħiħ id-domanda kollha li hawn fis-suq. Fil-fatt, teoretikament, saħansitra l-ammont totali tal-116 413-il tunnellata ta' importazzjonijiet ta' fibri tal-ħġieġ miċ-Ċina li ġew rrekordjati matul il-PI jista' jiġi ssupplimentat mill-kapaċitajiet mhux utilizzati tal-industrija tal-Unjoni, li ġew smati li kważi kienu jammontaw għal 200 000 matul il-PI.
- (149) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, jista' jiġi konkluż b'mod provviżorju li l-kwistjoni ta' nuqqas potenzjali ta' provvisti tista' tkun indirizzata permezz ta' utilizzazzjoni estiża tal-kapaċitajiet tal-industrija tal-Unjoni, permezz ta' importazzjonijiet oħra kif ukoll permezz ta' importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ li mhumiex loġġett ta' dumping.

#### 4. Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni

- (150) Bħala konklużjoni, huwa mistenni li l-impożizzjoni ta' miżuri fuq importazzjonijiet mir-RPĊ tal-prodott ikkonċernat li huma l-oġġett ta' dumping tipprovdi opportunità lill-industrija tal-Unjoni li ttejjeb il-qagħda tagħha permezz ta' żieda fil-volumi tal-bejgħ, fil-prezzijiet tal-bejgħ u fis-sehem mis-suq. Filwaqt li jistgħu jseħħu ċerti effetti negattivi f'għamla ta' żieda fl-ispejjeż ta' ċerti utenti, dawn x'aktarx ikunu ssuperati mill-benefiċċji mistennija għall-produtturi u għall-fornituri tagħhom.
- (151) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, qed jiġi konkluż b'mod provviżorju li kolloxx ma' kolloxx, ma jeżistux raġunijiet kostrinġenti biex ma jiġux imposti miżuri provviżorji fuq l-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat li joriġina mir-RPĊ. Madankollu, din il-valutazzjoni preliminari jista' jkun li titlob analiżi ulterjuri bir-reqqa wara li jitressqu kummenti mill-partijiet interessati.

## G. MIŻURI ANTI-DUMPING PROVVIŻORJI

(152) Fid-dawl tal-konklużjonijiet milħuqa fir-rigward tad-dumping, tad-dannu, tal-kawżalità, u tal-interess tal-Unjoni, ikun xieraq li jiġu imposti miżuri provviżorji fuq l-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, bil-għan li jiġi evitat dannu ulterjuri lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping.

### 1. Il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu

(153) Il-miżuri provviżorji fuq l-importazzjonijiet li joriġinaw mir-RPĊ għandhom jiġu imposti flivell suffiċjenti biex jeliminaw id-dannu kkawżat lill-industrija tal-Unjoni minn dawn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping, mingħajr ma jinqabeż il-marġni tad-dumping misjub. Fir-rigward tal-kalkolu tal-ammont ta' dazju meħtieġ għat-tneħħija tal-effetti tad-dumping dannuż, jitqies li kwalunkwe miżura għandha tippermetti lill-industrija tal-Unjoni tkopri l-ispejjeż tagħha ta' produzzjoni u, b'mod ġenerali, tikseb tali qligħ ta' qabel it-taxxa li jista' jintlaħaq raġonevolment f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni, jiġifieri fl-assenza ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping.

(154) L-industrija tal-Unjoni sostniet li biex ikun iddeterminat il-livell suffiċjenti għal-eliminazzjoni tad-dannu, għandha tintuża mira ta' qligħ minn 12 % sa 15 %. Madankollu, l-evidenza pprovduta sa issa ma turix b'konvinzjoni li dan il-livell ta' qligħ huwa l-minimu meħtieġ biex tiġi żgurata attività kummerċjali vijabbli tal-industrija tal-Unjoni f'dan is-settur ta' negozju. Fin-nuqqas ta' evidenza soda li ssostni livell ogħla ta' mira ta' qligħ, ġie provviżorjament meqjus li mira ta' qligħ ta' 5 % tidher xierqa għad-determinazzjoni tal-livell li jippermetti l-eliminazzjoni tad-dannu.

(155) Fuq din il-bażi, ġie kkalkulat prezz mhux dannuż għall-industrija tal-prodott simili fl-Unjoni. Il-prezz mhux dannuż ġie stabbilit billi tnaqqas il-marġni ta' qligħ attwali mill-prezz ta' kif il-prodott joħroġ mill-fabbrika u mal-prezz li ġie kkalkolat biex ma jsirx telf żdiedet il-mira ta' marġni ta' qligħ imsemmija hawn fuq.

(156) Bħala riżultat, ġew stabbiliti, b'mod provviżorju, il-livelli ta' eliminazzjoni tad-dannu li ġejjin:

Kumpanija	Livell ta' eliminazzjoni tad-dannu
New Changhai Group	61,4 %
Kumpaniji oħra li kkoperaw	104,2 %
Residwali	104,2 %

### 2. Miżuri provviżorji

(157) Fid-dawl ta' dak li ssemma aktar 'il fuq u skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, jitqies li għandu jiġi impost dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat li joriġina mir-RPĊ fil-livell tal-marġni ta' dumping jew tal-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu misjub, skont liema wieħed minn dawn tal-aħħar ikun l-aktar baxx, jiġifieri skont ir-regola tal-inqas dazju, u dan fil-każijiet kollha jikkorrispondi għall-marġni ta' dumping.

(158) Minħabba r-rata għolja ħafna ta' koperazzjoni fost il-produtturi esportaturi Ċiniżi, ir-rata provviżorja ta' dazju għall-produtturi esportaturi li kkoperaw u ma ngħatawx trattament jew eżami individwali u għal kwalunkwe produtturi esportaturi li ma kkoperawx hija l-istess. Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, ir-rati ta' dazju proposti huma:

Kumpanija	Dazju provviżorju
New Changhai Group	8,5 %
Kumpaniji oħra li kkoperaw	43,6 %
Il-kumpaniji l-oħra kollha	43,6 %

(159) Ir-rati ta' dazju anti-dumping għall-kumpaniji individwali li huma speċifikati f'dan ir-Regolament kienu stabbiliti abbażi tas-sejbiet tal-investigazzjoni preżenti. Għaldaqstant, jirriflettu s-sitwazzjoni misjuba matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. Għal din ir-raġuni, dawn ir-rati ta' dazju (għall-kuntrarju tad-dazju madwar il-pajjiż kollu applikabbli għall-"bqija tal-kumpaniji") huma applikabbli esklussivament għal importazzjonijiet ta' prodotti li joriġinaw mill-pajjiż ikkonċernat u huma mmanifatturati minn dawn il-kumpaniji, u għalhekk mill-entitajiet ġuridiċi speċifiċi msemmija. Prodotti impurtati li ġew immanifatturati minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija speċifikament, fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, bl-isem u l-indirizz tagħha, inklużi l-entitajiet relatati ma' dawk imsemmija speċifikament, ma jstgħux jibbenefikaw minn dawn ir-rati u għandhom ikunu soġġetti għar-rata ta' dazju applikabbli għall-"bqija tal-kumpaniji".

(160) Kull talba għall-applikazzjoni ta' dawn ir-rati ta' dazju anti-dumping intiżi għall-kumpaniji individwali (pereżempju wara tibdil fisem l-entità jew wara l-istabbiliment ta' entitajiet ġodda ta' produzzjoni jew ta' bejgħ) għandha tiġi indirizzata minnufih lill-Kummissjoni<sup>(1)</sup>, bl-informazzjoni rilevanti kollha, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwalunkwe modifika fl-attivitajiet tal-kumpanija li għandhom x'jaqsmu mal-produtturi u mal-bejgħ domestiku u dak maħsub għall-esportazzjoni li jkun marbuta, pereżempju, ma' bidla fl-isem jew fl-entitajiet ta' produzzjoni u ta' bejgħ. Jekk ikun xieraq, ir-Regolament jiġi emendat skont dan billi tiġi aġġornata l-lista tal-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati ta' dazju individwali.

(161) Sabiex jiġi żgurat infurzar xieraq tad-dazju anti-dumping, il-livell ta' dazju għall-bqija tal-kumpaniji m'għandux japplika biss għall-produtturi esportaturi li ma kkoperawx, iżda wkoll għal dawk il-produtturi li ma kinux iwettqu esportazzjonijiet lejn l-Unjoni matul il-PI.

<sup>(1)</sup> Il-Kummissjoni Ewropea  
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ  
Id-Direttorat H  
Uffiċċju Nerv - 105  
B-1049 Brussell

## H. DISPOŻIZZJONI FINALI

(162) Fl-interess tal-amministrazzjoni tajba, għandu jiġi ffissat perjodu li matulu l-partijiet interessati li għamlu lilhom infushom magħrufa fiż-żmien speċifikat fl-avviż tal-ftuħ jistgħu jikkomunikaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub jew jitolbu seduta ta' smigħ. Barra minn hekk, irid jiġi ddikjarat li s-sejbiet fir-rigward tal-impożizzjoni ta' dazji għall-finijiet ta' dan ir-Regolament huma provviżorji u jista' jkun hemm bżonn li jitqiesu mill-ġdid għall-finijiet ta' kwalunkwe miżura definittiva,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

1. Qed jiġi impost dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjoni ta' swiegel tal-fibra tal-ħġieġ imqattgħa, ta' tul ta' mhux aktar minn 50 mm; fibri mibruma tal-ħġieġ minbarra fibri mibruma tal-ħġieġ li huma miksija u mdakkra u għandhom telf tat-tkebbis ta' aktar minn 3 % (kif determinat mill-ISO Standard 1887); ħjut ta' fibra tal-ħġieġ tal-filament, minbarra ħjut li huma miksija u mdakkra u għandhom telf tat-tkebbis ta' aktar minn 3 % (kif determinat mill-ISO Standard 1887); u twapet magħmula minn filamenti tal-fibra tal-ħġieġ, minbarra twapet tas-suf tal-ħġieġ li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7019 11 00, 7019 12 00, 7019 19 10 u ex 7019 31 00 (kodiċijiet TARIC 7019 31 00 29, 7019 12 00 21, 7019 12 00 22, 7019 12 00 23, 7019 12 00 24, 7019 12 00 39, 7019 19 10 61, 7019 19 10 62, 7019 19 10 63, 7019 19 10 64, 7019 19 10 65, 7019 19 10 66, 7019 19 10 79 u 7019 31 00 99) u li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

2. Ir-rata ta' dazju anti-dumping provviżorja applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 u mmanifatturati mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandha tkun kif ġej:

Kumpanija	Dazju anti-dumping (%)	Kodiċi addizzjonali TARIC
Changzhou New Changhai Fiberglass Co., Ltd. u Jiangsu Changzhaiz Composite Materials Holding Co., Ltd., Tangqiao, Yaoguan Town, Changzhou City, Jiangsu	8,5	A983
Il-kumpaniji l-oħra kollha	43,6	A999

3. Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera, fl-Unjoni, tal-prodott li saret referenza għalih fil-paragrafu 1 għandu jkun suġġett għall-provvediment ta' garanzija ekwivalenti għall-ammont tad-dazju provviżorju.

4. Sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

### Artikolu 2

Bla ħsara għall-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009, il-partijiet interessati jistgħu jitolbu l-iżvelar tad-dettalji li hemm wara l-fatti u l-konsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom ġie adottat dan ir-Regolament, jikkomunikaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub u japplikaw sabiex jinstemgħu oralment mill-Kummissjoni, sa xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Skont l-Artikolu 21(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009, il-partijiet ikkonċernati jistgħu jikkumentaw dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sa xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu.

### Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

L-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament għandu japplika għal perjodu ta' sitt xhur.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Settembru 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO